# Rapport ta' Ħidma
# 2007

KNPD
20 Sena
TA' ĦIDMA
1987-2007

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**

2007 – Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd

***Highlights in English***

Pubblikazzjoni:
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità
Ċentru Ħidma Soċjali
Institut Vincenzo Bugeia
Santa Venera
Tel: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelefon: 2144 6536
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org

ISBN No: 978-99909-71-36-1

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni
jew fuq awdjo bil-Malti mill-uffiċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available
on the Commission's websajt or from the Commission's offices.

# L-Impenn

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità timpenja ruħha biex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin li jgawdu minn kwalità ta' ħajja għolja.

Fit-twettiq ta' dan l-impenn, il-Kummissjoni taħdem biex is-soċjetà telimina kull forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra l-persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom filwaqt li tipprovdilhom l-għajnuna  u l-appoġġ meħtieġ.

# 01

# Introduzzjoni

## 1. It-Twaqqif tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) twaqqfet għall-ewwel darba fit-3 ta' Novembru, 1987, meta l-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, l-Onor Dr Louis Galea, kien għamel stqarrija parlamentari li fiha ħabbar li kien ħatar l-ewwel membri ta' din il-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-2007 kienet l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni.

Fl-10 ta' Frar 2000, il-Kummissjoni twaqqfet uffiċjalment, din id-darba skond l-Att Nru. 1 tas-Sena 2000, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). F'din l-istess liġi ġew stabbiliti l-għanijiet tal-Kummissjoni.

## 2. L-Għanijiet tal-Kummissjoni

L-għanijiet tal-Kummissjoni skond kif imniżżla f'Taqsima V Artiklu 22 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) huma li:

- tidentifika, tistabbilixxi u taġġorna kull prinċipju ta' eżekuzzjoni nazzjonali li sew direttament u sew indirettament ikollu x'jaqsam ma' affarijiet ta' diżabilità;
- tidentifika l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa, jew tipproponi miżuri xierqa, sabiex kemm jista' jkun tipprovdi għal dawk il-ħtiġijiet;
- tiżgura li kull programm tal-Gvern li jkun jolqot l-affarijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, jitwettaq skond il-prinċipji ta' eżekuzzjoni nazzjonali dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mad-diżabilità;
- tiżgura li jkun hemm il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-Dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern fit-twettiq ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi li jiġu proposti mill-Gvern jew mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;
- iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, u ma' gruppi,

aġenziji, jew individwi oħra skond il-ħtieġa;

- tissorvelja l-għoti ta' servizzi offruti mill-Gvern jew l-aġenziji tiegħu, jew minn kull persuna jew grupp ta' persuni oħra, meta l-klijenti ta' dawk is-servizzi jkunu persuni b'diżabilità;
- taħdem biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità;
- twettaq investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jitħarsu;
- tinvestiga dawk l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att f'xi każ individwali u, meta dan ikun jista' jsir, tikkonċilja għar-rigward ta' dawk l-ilmenti;
- tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet, u tiddeċiedi dwarhom, meta dawn jiġu lilha riferiti mill-Ministru;
- tipprovdi għajnuna, skond iċ-ċirkustanzi, inkluża għajnuna legali u finanzjarja, lil persuni b'diżabilità fil-ksib ta' jeddijiethom bis-saħħa ta' dan l-Att;
- tibqa' tissorvelja t-tħaddim ta' dan l-Att u, meta l-Kummissjoni jkun hekk jidhrilha jew hekk tinħtieġ li tagħmel mill-Ministru, tabbozza u tissottometti lill-Ministru proposti għal emendi fl-Att;
- teżamina liġijiet, u (meta l-Ministru hekk jitlobha li tagħmel) tipproponi liġijiet, bil-għan li taċċerta jekk il-liġijiet attwali jew proposti jkunux jew jistgħux ikunu inkonsistenti ma' l-għanijiet ta' dan l-Att jew imorru kontrihom, u twassal rapport lill-Ministru dwar ir-riżultati ta' kull analiżi simili;
- tipprovdi dawk is-servizzi kollha li jistgħu jinħtieġu jew jintalbu mill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha;
- tiġbor, tanalizza u tippubblika statistika dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità li, fost ħwejjeġ oħra, tkun turi l-livell nazzjonali milħuq fil-politika dwar l-inklużjoni.

## 3. Il-Perjodu ta' dan ir-Rapport Annwali

Dan ir-rapport ikopri s-sena kalendarja 2007 u qed isir skond kif jitlob Artiklu 30 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li l-Kummissjoni wettqet fit-tħaddim u t-tħaris tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs peress li rapport dwar din il-ħidma ġie ppubblikat separatament f'Diċembru 2007. Kopja ta' dan ir-rapport tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni u tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

## 4. L-Istruttura tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità

4.1 Il-membri tal-Kummissjoni jinħatru mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali għal sentejn. Il-membri preżenti tal-Kummissjoni nħatru f'Novembru 2006, għal sentejn. Il-membri huma kif jidher f'Tabella 1 li turi wkoll xi tibdil li seħħ matul din is-sena.

4.2 Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Artiklu 21) titlob li nofs il-membri tal-Kummissjoni jkunu persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità. Il-kompożizzjoni preżenti tal-Kummissjoni tissodisfa dan il-kriterju minħabba li minn 16-il membru, 5 persuni għandhom diżabilità u 3 huma membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità.

**Tabella 1: Kompożizzjoni tal-Kummissjoni 2007**

| ISEM | STATUS |
|---|---|
| Is-Sur Joseph M. Camilleri[(a)] | Iċ-Ċermen |
| Is-Sinj Rita Borg[(a)] | Il-Viċi Ċermen |
| Is-Sur Jesmond Schembri[(b)] | Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali |
| Dr Elaine Burmingham[(b)] | Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali |
| Is-Sur George Borg | Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, ix-Xogħol u ż-Żgħażagħ |
| Dr Taygeta Firman | Il-Ministeru tas-Saħħa u s-Servizzi fil-Komunità |
| Is-Sur Alfred Camilleri | Il-Ministeru tal-Finanzi |
| Is-Sur Noel Formosa | Il-Ministeru għal Għawdex |
| Is-Sinj Sarah Cuschieri | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| Dr Marie Alexander | L-Università ta' Malta |
| Fr Martin Micallef | L-Arċidjoċesi ta' Malta |
| Is-Sinj Miriam Bonnici[(a)] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Ronald Galea[(a)] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Marchita Mangiafico[(a)] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Ingrid Valenzia[(a)] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Epifanio Vella[(a)] | Is-Settur Volontarju |
| Dr Daniela Mangion[(a)] [(c)] | |
| Is-Sur Fred Bezzina | Is-Segretarju/Direttur Eżekuttiv |

(a) Dawn il-persuni huma persuni b'diżabilità jew membri tal-familji ta' persuni b'diżabilità kif jitlob artiklu 21 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).
(b) F'Marzu 2007, is-sur Schembri rreżenja u floku nħatret Dr Elaine Burmingham.
(c) F'Marzu wkoll, Dr Daniela Mangion offriet ir-riżenja tagħha minn membru tal-Kummissjoni wara l-ħatra tagħha bħala Konsulent Legali tal-Kummissjoni.

4.3 Matul is-sena 2007, il-Kummissjoni ltaqgħet 11-il darba.

4.4 Matul din is-sena, is-Segretarjat tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' kull xahrejn lill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, lill-membri tal-Kummissjoni u lill-pubbliku ġenerali. Dan ir-rapport jitpoġġa fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## 5. Is-Segretarjat tal-Kummissjoni

5.1 Il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport Annwali tagħha għas-sena 2006 waqt konferenza stampa li saret fi Frar 2007. Din il-konferenza ġiet indirizzata mill-Onor Marie-Louise Coleiro Preca, il-kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għal dan is-settur u l-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Dan ir-rapport tqassam lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam u tpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-pubbliku seta' jikseb kopja tiegħu mill-uffiċini tal-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż, verżjoni awdjo bil-Malti, b'tipa kbira, jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż.

5.2 **Rapport ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs**
Kull sena, il-Kummissjoni tagħti lill-pubbliku Malti rendikont tal-ħidma tagħha fir-rigward tat-tħaddim tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Minħabba li din il-Liġi daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000, ir-rapport ikopri l-perjodu minn Ottubru 2006 sa Settembru 2007. Dan ir-rapport ġie ppreżentat lill-pubbliku permezz ta' konferenza stampa li saret fl-uffiċini tal-KNPD waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità. Wara, l-Onor Marie-Louise Coleiro Preca, il-kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għas-Solidarjetà u l-Onor Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali taw ir-reazzjonijiet tagħhom għal dan ir-rapport.

Dan ir-rapport jista' jinkiseb bil-Malti jew bl-Ingliż, b'tipa kbira jew fuq awdjo bil-Malti mill-uffiċini tal-Kummissjoni. Barra minn hekk jinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

5.3 Fil-preżent, is-Segretarjat tal-Kummissjoni jikkonsisti f'għoxrin persuna, ħmistax jaħdmu full-time u ħamsa part-time jew siegħat imnaqqsa. Minnhom, għaxra għandhom diżabilità. Is-Segretarjat jaħdem biex joffri opportunitajiet ugwali ta' xogħol f'kull livell.

5.4 Il-Kummissjoni xtrat is-servizzi ta' erbatax-il professjonist biex hi tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv. Dawn kienu jinkludu servizzi professjonali dwar:

- il-Liġi Opportunitajiet Indaqs;
- l-ivvettjar ta' diversi applikazzjonijiet;
- rapporti u żjarat fid-djar għas-Servizz Għajnuniet Speċjali;
- l-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' bini li jsiru lill-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);
- il-kontijiet finanzjarji tagħha;
- l-interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

5.5. Matul din is-sena wkoll, is-segretarjat tal-Kummissjoni u l-Union Ħaddiema Magħqudin li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema tas-segretarjat tal-Kummissjoni, waslu għat-tielet ftehim kollettiv għal dawn il-ħaddiema. F'dan il-ftehim komplew jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn l-impjegati Ii barra li huma koperti minn dan il-ftehim huma koperti wkoll, l-aktar fejn jidħlu salarji, mill-ftehim kollettiv li l-Gvern għandu għas-Servizz ċivili kollu.

5.6. Kull sena, il-Kummissjoni torganizza Staff Development Day bil-għan li jkun hemm sessjoni ta' taħriġ u anke żvilupp fit-tim tal-membri tas-segretarjat. Din is-sena t-taħriġ iffoka fuq l-bidla għall-Ewro.

## 6. Is-Servizzi tal-Kummissjoni

6.1 Is-servizzi li l-Kummissjoni tat lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom matul din is-sena, kienu dawn:

- Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità;
- Il-Karta ta' l-Identità Speċjali;
- Investigazzjoni ta' Lmenti ta' Diskriminazzjoni;
- Is-Servizz Għajnuniet Speċjali;
- Iċ-Ċentru tar-Riżorsi;
- Korsijiet dwar l-Oqsma fid-Diżabilità;
- Il-Programm PEKTUR;
- Servizz lill-Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġiba Diffiċli Ħafna.

6.2 Il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjonijiet lid-dipartimenti rispettivi għal dawn il-benefiċċji:

- L-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp lill-Awtorità Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA);
- L-eżenzjoni mid-dazju fuq karozzi lill-Ministeru tal-Finanzi;
- L-eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzji tat-triq lid-Dipartiment tal-Liċenzji;
- Il-Blue Sticker lill-Kummissarju tal-Pulizija;
- Permessi ta' Xogħol lill-Assistenti Personali lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ;
- Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet dwar ir-Reserved Parking lill-Awtorità dwar it-Trasport;
- Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet dwar il-Blue Sticker.

6.3 Rendikont dettaljat dwar dawn is-servizzi qed jingħataw f'dan ir-rapport fit-taqsimiet rispettivi tagħhom.

02

# Pjan ta' Azzjoni

## 1. Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni hi obbligata li taħdem skond kif hemm stipulat fil-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). F'Diċembru 2006, il-Ġnus Magħquda nediet il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li Malta ffirmat ma' l-ewwel pajjiżi f'Marzu 2007. Għaldaqstant, il-Kummissjoni żammet din il-Konvenzjoni bħala gwida ewlenija f'ħidmietha.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll iżżomm il-Programm Dinji t'Azzjoni dwar il-Persuni b'Diżabilità (1983) u r-Regoli Standard għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità (1993), it-tnejn dokumenti tal-Ġnus Magħquda, bħala gwida importanti fit-twettieq ta' ħidmitha

## 2. Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali

Biex il-qasam tal-persuni b'diżabilità jkun parti integrali mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż, il-Gvern illeġiżla biex il-Kummissjoni tifforma parti mill-Kumitat Ċivili tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq dan il-Kumitat miċ-Ċermen, is-Sur Joe Camilleri.

## 3. Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

3.1 Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni kompliet tibni r-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan li hi tkun tista' tikkomunika kemm permezz ta' letteratura tagħha stess kif ukoll permezz ta' letteratura ta' entitajiet oħra li jkunu jixtiequ jgħaddu din il-letteratura lil dawn il-persuni. Barra minn hekk, dan ir-reġistru jsir biex minnu noħorġu statistika dwar dan

is-settur. Kull persuna li tapplika għal xi servizz tal-Kummissjoni titpoġġa fuq dan ir-reġistru.

3.2 Ma' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qed tinkludi f'Appendiċi A statistika dwar il-persuni b'diżabilità f'Malta u f'Għawdex li toħroġ minn dan ir-Reġistru.

3.3 Il-Kummissjoni tirċievi numru ta' talbiet mingħand entitajiet differenti, bħal ma huma għaqdiet tal-persuni b'diżabilità, kunsilli lokali, kappillani, studenti universitarji, entitajiet privati u oħrajn, li jużaw din l-informazzjoni biex ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt ma' dawk il-persuni reġistrati jew ma' uħud minnhom, sknond id-diżabilità, l-età u l-lokalità. Il-Kummissjoni, minħabba li hi marbuta strettament bil-kunfidenzjalità u għalhekk ma tistax tgħaddi din l-informazzjoni lil ħaddieħor, xorta għażlet li tgħin. Hi titlob lil dawk li jridu jużaw dan is-servizz biex jipprovdu l-informazzjoni li jridu jibagħtu ħalli din tintbagħat mill-Kummissjoni stess. Matul din is-sena, il-Kummissjoni pprovdiet dan is-servizz lil ħmistax-il entità jew individwi differenti.

# 03

# Ir-Rijabilitazzjoni

## 1. Servizz ta' Sapport lil Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġiba Diffiċli

1.1 Fl-aħħar tas-sena 2006, il-Kummissjoni bdiet servizz biex permezz tiegħu jingħata sapport ħolistiku lill-persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna. Il-Kummissjoni bdiet tagħti dan is-servizz permezz tas-Sinj Forough Hessabi M.A (Psych), Ed. S, speċjalista edukattiva b'ħafna snin ta' esperjenza. Sfortunatament, f'Mejju, is-Sinj Hessabi kellha tirritorna f'pajjiżha u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tkompli dan is-servizz.

1.2 Fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena, dan is-servizz offra s-servizzi kif jidhru f'Tabella 2.

**Tabella 2: Servizz ta' Sapport lil Persuni b'Imġiba Diffiċli**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Sessjonijiet ta' Taħriġ | **91** | **7** |
| Sessjonijiet Individwali | **1480** | **551** |
| Mill-Komunità | 667 | 353 |
| Aġenzija SAPPORT | 426 | 49 |
| Child Guidance Clinic | 75 | 45 |
| Sptar Monte Carmeli | 109 | - |
| Sptar San Luqa | 38 | 20 |
| Dar tal-Providenza | 31 | 8 |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | 75 | 39 |
| Għawdex | 38 | 35 |
| Dar Nazaret | 21 | 2 |

**Tabella 3:** **Servizz Għajnuniet Speċjali**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 276 | 260 |
| Persuni li bbenefikaw | 214 | 199 |
| Qegħdin fil-waiting list | 38 | 57 |
| Ma kkwalifikawx | 10 | 9 |
| Pendenti | 9 | 2 |
| Apparat li ġie rritornat u ngħata lil applikanti oħrajn | 17 | 35 |
| Apparat li ġie rritornat | 29 | 29 |
| Somma totali ta' għotjiet approvati | Lm63,300 | Lm60,403 |
| Medja ta' l-għotjiet | Lm296 | Lm304 |

## 2. Servizz Għajnuniet Speċjali

2.1 F'dan il-perjodu, is-Servizz Għajnuniet Speċjali ta assistenza finanzjarja u pariri dwar għajnuniet biex persuni b'diżabilità ikunu jistgħu jgħixu ħajja aktar indipendenti. L-istatistika ġenerali dwar dan is-servizz hi miġbura f'Tabella 3.

Din l-istatistika turi li matul din is-sena, kien hemm tnaqqis żgħir kemm f'numru ta' applikazzjonijiet (6%) kif ukoll fin-numru ta' benefiċċjarji (7%). Però kien hemm żieda sinjifikanti fin-numru ta' persuni li nqdew minn dan is-servizz permezz ta' apparat li ġie rritornat lill-Kummissjoni: minn 17-il persuna tela' għal 35 persuna. B'hekk in-numru totali ta' benfiċċjarji tista' tgħid li baqa' fl-istess livell tas-sena l-oħra.

2.2 Analiżi ta' dan servizz skond l-etajiet tal-benefiċċjarji u l-apparat li għalih ġew mgħejuna tinstab f'Tabelli 4 u 5:

**Tabella 4**

| ETÀ | 2006 | | 2007 | |
|---|---|---|---|---|
| 0-5 | 13 | 6% | 11 | 6% |
| 6-16 | 54 | 25% | 52 | 26% |
| 17-30 | 23 | 11% | 22 | 11% |
| 31-60 | 51 | 24% | 42 | 21% |
| 61+ | 73 | 34% | 72 | 36% |
| **Total** | **214** | **100** | **199** | **100** |

2.3 Minħabba nuqqas ta' fondi, il-Kummissjoni ma setgħetx tgħin lil kull min applika għal dan is-servizz; għenet biss sa 50% tal-prezz u dan sa massimu ta' Lm500 meta hemm numru ta' oġġetti li jiswew ħafna aktar. Għaldaqstant il-Kummissjoni, bħal ma kienet għamlet snin qabel, reġgħet għamlet talba lill-Gvern biex fil-baġit għas-sena 2008 jiżdiedu l-fondi ta' dan is-servizz. Il-Kummissjoni b'sodisfazzjon tinnota li din it-talba ntlaqgħet u dan is-servizz ingħata żieda ta' madwar 46,800 ewro (Lm20,000).

2.4 Dan is-servizz kompla jaħdem mill-qrib mal-Community Chest Fund billi:

- is-Sur Joe Camilleri, iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, hu membru ta' dan il-fond.
- persuni li jieħdu għajnuna finanzjarja parzjali minn dan is-servizz jistgħu jitolbu aktar għajnuna finanzjarja minn dan il-fond. Ħafna drabi dawn it-talbiet jintlaqgħu.
- kompla l-ftehim bejn il-Kummissjoni, il-Fondazzjoni Aċċessibilità għall-

**Tabella 5**

| APPARAT | 2006 | | 2007 | |
|---|---|---|---|---|
| Siġġijiet tar-roti u walking aids | 82 | 33% | 92 | 38% |
| Sodod u apparat biex toqgħod bil-qiegħda | 74 | 30% | 76 | 31% |
| Iġjene Personali | 31 | 12% | 15 | 6% |
| Apparat biex tikkomunika | 27 | 11% | 32 | 13% |
| Apparat biex terfa' | 27 | 11% | 23 | 9% |
| Apparat ieħor | 9 | 4% | 5 | 2% |
| **Total** | **250*** | **100** | **243*** | **100** |

* *It-total hu akbar min-numru ta' applikanti għax ikun hemm applikanti li jibbenefikaw minn aktar minn tip wieħed ta' apparat.*

Informatika (FITA) u dan il-fond biex talbiet għal għajnuna finanzjarja biex jinxtara kompjuter minn persuni b'diżabilità jintlaqgħu minn dan il-fond. Numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità bbenefikaw minn dan il-ftehim.

2.5 Il-Kummissjoni ħadmet biex tapplika ħalli żewġ proġetti tagħha jkunu ffinanzjati mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea, wieħed mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-ieħor mill-Fond Soċjali Ewropew. It-tnejn għandhom l-għan li permezz tagħhom il-Kummissjoni toffri pariri u taħriġ professjonali dwar apparat li persuni b'diżabilità jkollhom bżonn biex jgħixu ħajja indipendenti, inkluż biex isuqu. L-applikazzjoni biex jinbena ċentru f'Ħal Far diġà saret, waqt li l-oħra għat-taħriġ se tiġi ppreżentata kmieni matul l-2008.

## 3. Ħlas Lura Fuq Apparat Apposta għal Persuni b'Diżabilità

3.1 Il-Kummissjoni, f'isem il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, kompliet tamministra l-iskema biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż żejda li persuni b'diżabilità jkollhom iħallsu minħabba li apparat apposta għal persuni b'diżabilità għandu VAT fuqu. Il-Kummissjoni wkoll tgħin persuni b'diżabilità jkollhom kompjuter billi tirrifondilhom il-VAT fuq il-kompjuter li jkunu xtraw. Dettalji dwar kif ħadmet din l-iskema matul l-2007 jinstabu f'Tabella 6.

3.2 Dawn iċ-ċifri juru li dan is-servizz kellu żieda sinjifikanti kemm fil-ħlas li ngħata lura (21%) kif ukoll fin-numru ta' persuni li bbenefikaw (11%).

3.3 Il-Kummissjoni għamlet diversi rappreżentazzjonijiet kemm mal-Membri Parlamentari Ewropej kif ukoll ma' entitajiet oħra biex, fuq livell Ewropew, apparat li hu għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità ma jkollux VAT fuqu.

**Tabella 6: Ħlas lura fuq Apparat għal Persuni b'Diżabilità**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Ħlas lura | Lm21,296 | Lm25,735 |
| Numru ta' persuni li bbenefikaw | 308 | 341 |
| Medja ta' l-għajnuna | Lm69 | Lm75 |

# 04

# Opportunitajiet Indaqs

## 1. Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità)

1.1 **It-Taqsima Opportunitajiet Indaqs**
Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni hu li "tinvestiga l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris" tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) u li "tissorvelja t-tħaddim ta' din il-Liġi". Għal dan il-għan fis-segretarjat tal-Kummissjoni hemm it-Taqsima Opportunitajiet Indaqs li tieħu ħsieb din il-ħidma.

Minħabba l-importanza kbira li l-Kummissjoni tagħti lil din il-ħidma, rapport dettaljat tax-xogħol ta' din it-Taqsima jingħata separatament. Din is-sena wkoll, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport annwali tas-seba' sena ta' ħidma (Ottubru 2005-Ottubru 2006) li l-Kummissjoni wettqet dwar din il-Liġi u ppreżentatu lill-pubbliku ġenerali waqt konferenza stampa li saret matul il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità. Waqt din il-konferenza stampa wkoll kien hemm interventi mill-Onor Dolores Cristina Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u l-Onor Marie-Louise Coleiro Preca, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għal dan il-qasam.

Kopja tar-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs bil-Malti jew bl-Ingliż, jew fuq awdjo bil-Malti, tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew inkella minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

Għaldaqstant, biex ma jkunx hemm ripetizzjonijiet, dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li saret mill-Kummissjoni f'dan is-settur.

1.2 **Il-Bord li Jeżamina X'inhu Raġjonevoli**
Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tal-Bord li Jeżamina X'inhu Raġjonevoli skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Il-ħidma ta' dan il-Bord hi inkluża mar-rapport annwali tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (imsemmi aktar 'il fuq) u għalhekk mhix inkluża f'dan ir-rapport.

1.3 **Reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs**
Matul l-2006, il-Kummissjoni ffinalizzat il-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) billi pproponiet numru ta' emendi għal din il-liġi bil-għan li din il-Liġi ssir aktar effettiva u aktar konformi mad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-Impjiegi.

Minn studju preliminari li sar tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, jidher li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs se jkollha bżonn tiġi emendata wkoll biex Malta tkun kompletament konformi ma' din il-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tirrakkomanda li jsir eżerċizzju wieħed dwar l-emendi kollha li hemm bżonn għal din il-Liġi.

## 2. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

F'Diċembru 2006, il-Ġnus Magħquda rnexxielha, b'mod storiku, taddotta l- Konvenzjoni dwar Id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Malta, permezz tal-Kummissjoni, tat sehem l-aktar fuq livell Ewropew, fit-tfassil ta' din il-Konvenzjoni. F'Marzu 2007, il-pajjiżi membri setgħu jiffirmaw din il-Konvenzjoni flimkien mal-Protokoll Mhux Obbligatorju. Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi li ffirmat kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Protokoll. Din il-firma turi l-intenzjoni tal-Gvern li jrid jirratifika din il-Konvenzjoni u l-Protokoll. Il-Gvern ukoll wera l-intenzjoni tiegħu li jaħtar kumitat inter-ministerjali biex jistudja x'miżuri hemm bżonn jittieħdu qabel pajjiżna jkun f'pożizzjoni li jirratifika din il-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-proposta u lesta tagħti s-sehem sħiħ tagħha biex dan il-kumitat iwettaq ħidmietu fl-iqsar żmien possibbli biex hekk Malta tirratifika din il-Konvenzjoni importanti flimkien mal-Protokoll.

Il-Kummissjoni wkoll bdiet eżerċizzju biex din il-Konvenzjoni ssir aktar magħrufa l-aktar mal-persuni b'diżabilità nfushom. Il-Kummissjoni ħadet ħsieb li tagħmel traduzzjoni tagħha bil-Malti u poġġietha, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, fuq il-websajt tagħha. Il-Kummissjoni wkoll ippreżentat kopja ta' din il-Konvenzjoni lill-E.T. Dr E Fenech Adami, President ta' Malta u lill-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

## 3. Il-Karta ta' l-Identità Speċjali

3.1 Il-Kummissjoni kompliet toħroġ il-Karta ta' l-Identità Speċjali lil persuni b'diżabilità bil-għan li din tgħinhom ikollhom aktar opportunitajiet indaqs. L-istatistika dwar dan is-servizz għas-sena 2007 tidher f'Tabella 7.

3.2 Din l-istatistika turi li matul din is-sena dan is-servizz kellu tnaqqis ta' madwar 10% fl-applikazzjonijiet.

3.3 Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet bl-eżerċizzju biex jiġu rtirati l-Karti ta' l-Identità Speċjali ta' persuni li jkunu mietu. Matul din is-sena, il-Kummissjoni kitbet lil 874 familjari ta' persuni b'diżabilità li mietu. Minnhom, 637 jew 73% irritornaw il-Karta ta' l-Identità Speċjali fl-uffiċini tal-Kummissjoni waqt li 141, 16% tat-total, għamlu affidavat li kienu tilfu

**Tabella 7: Karta ta' Identità Speċjali**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 1,158 | 1,041 |
| Applikazzjonijiet li ġew aċċettati | 1,143 | 1,024 |
| Applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettati | 15 | 17 |
| Karti ta' l-Identità Speċjali li ġew imġedda | 472 | 420 |
| Total ta' persuni b'diżabilità li għandhom din il-Karta | 8,402 | 9,038 |

din il-Karta. Il-Kummissjoni kitbet lil 96 familjari oħra (11% tat-total) bl-avukat biex din il-Karta tiġi rritornata.

3.4 Persuni li għandhom din il-Karta ta' l-Identità Speċjali huma intitolati għal numru ta' benefiċċji li lista tagħhom tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni, mill-ktejjeb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità (paġni 59-61) jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

## 4. Ħidma dwar il-Policies tal-Pajjiż

Waħda mill-ħidmiet li l-Kummissjoni għandha hi li tara li l-politika tal-pajjiż tassew toffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Matul din is-sena, il-Kummissjoni ħadmet fuq dawn l-oqsma:

4.1 **Il-Baġit Nazzjonali għas-Sena 2008**
Kull sena, il-Kummissjoni tagħmel rappreżentazzjonijiet biex il-baġit nazzjonali jieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Din is-sena, il-Kummissjoni għamlet diversi proposti għad-dokument ta' qabel il-baġit u eventwalment għal baġit 2008. Il-maġġoranza ta' dawn il-proposti ġew aċċettati u jinkludu:

- l-impenn tal-Gvern Malti biex jirratifika fl-iqsar żmien possibbli l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;
- l-impenn tal-Gvern li jara li r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Spiteri fil-qasam ta' l-Edukazzjoni Inklussiva u Speċjali jiġu implimentati;
- miżura importanti biex tgħin ħalli aktar persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol, billi b'żieda ma' kull miżura eżistenti jew proposta fl-istess baġit, min iħaddem persuna b'diżabilità jkun eżentat mill-ħlas tal-bolla għall-ewwel tliet snin;
- miżuri għall-aċċessibilità fiżika sħiħa fil-bajjiet Blue Flag u toilets pubbliċi;
- il-ftuħ ta' dar residenzjali oħra mill-Aġenzija SAPPORT, din id-darba fil-komunità ta' Bormla;
- għajnuna biex persuni li jimpjegaw live-in carers barranin ikollhom il-kontribuzzjoni ta' l-Assigurazzjoni Soċjali akkreditata u jiġu eżentati mill-ħlasijiet amministrattivi tal-ETC;

- żieda sostanzjali fic-Children's Allowance speċjali għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità u t-tneħħija ta' l-eżami tal-mezzi għal din l-allowance;
- żieda ta' Lm20,000 (46,800 Ewro) fis-sena fil-vot għas-Servizz Għajnuniet Speċjali amministrat mill-KNPD biex aktar persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jixtru apparat li għandhom bżonn biex jgħixu ħajja aktar indipendenti.

Il-KNPD innotat ukoll b'sodisfazzjon li l-Gvern esprima l-bżonn li titjieb l-attitudni ta' ċertu persuni f'pożizzjoni ta' responsabilità li għandhom mentalità li xxekkel il-progress mixtieq f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni taqbel ħafna li hemm bżonn bidla f'din l-attitudni biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-komunità tagħna u hekk ikollhom verament opportunitajiet indaqs.

### 4.2 Il-Programm Elettorali tal-Partiti Politiċi għall-Elezzjoni Ġenerali li Jmiss

Peress li fl-2008 se ssir l-Elezzjoni Ġenerali, il-Kummissjoni ħejjiet memo bil-proposti tagħha ħalli dawn jiġu inklużi fil-programmi elettorali tal-Partiti Politiċi li se jikkontestaw din l-Elezzjoni. Il-Kummissjoni bagħtet dan il-memo lill-erba' partiti.

### 4.3 Il-Bidla għall-Ewro

Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq il-Kumitat tal-Konsumaturi li ħa ħsieb il-Bidla għall-Ewro. Il-Kummissjoni għamlet diversi rappreżentazzjonijiet biex il-kampanja ta' informazzjoni li qed issir għal din il-bidla tieħu ħsieb il-bżonnijiet differenti tal-persuni b'diżabilità ħalli huma wkoll ikollhom l-opportunità li jkunu infurmati. Uħud minn dawn il-proposti ġew aċċettati, l-aktar li numru ta' programmi tal-televixin kellhom interpretazzjoni bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Barra minn hekk, dan il-Kumitat xtaq jibgħat Euro convertor li jitkellem lil kull persuna li ma tarax u li hi reġistrata mal-KNPD. Sfortunatament, dan l-apparat ma wasalx fil-ħin u minflok, in-NECC, permezz tal-KNPD, qassmet talking calculator flimkien ma' template biex tgħin persuni għomja jagħrfu l-flus. Ukoll, il-Bank Ċentrali ta' Malta, permezz tal-KNPD bagħat lil dawn il-persuni ktejjeb li jitkellem b'informazzjoni dwar il-karti u l-muniti ta' l-Ewro.

# 05

# L-Aċċess Fiżiku

## 1. L-Aċċessibilità Fiżika għal Kulħadd

1.1 Matul is-sena 2007, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex il-prinċipji ta' l-Aċċessibilità għal Kulħadd jitpoġġew fil-prattika. Il-ħidma tagħha f'dan is-settur tinqasam fi tlieta:

- l-applikazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (li ġiet diskussa fir-Rapport Annwali li l-Kummissjoni toħroġ kull sena);
- l-ivvettjar ta' applikazzjonijet għall-iżvilupp f'isem l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);
- il-konsulenza u attivitajiet oħra.

1.2 Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet tivvettja applikazzjonijiet għall-iżvilupp li jsiru lill-MEPA għal bini miftuħ għall-pubbliku u li hu ta' użu maġġuri. L-istatistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella 8.

1.3 Wara ż-żieda qawwija reġistrata s-sena l-oħra ta' madwar 40% fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni vvettjat, din is-sena ġie reġistrat tnaqqis żgħir f'dan in-numru li hu ta' madwar 11%. B'sodisfazzjon ninnotaw li l-livell ta' applikazzjonijiet rakkomandati, anke jekk b'ċerti kundizzjonijiet, din is-sena wera żieda qawwija ħafna

**Tabella 8: Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet għall-Iżvilupp**

| | 2006 | | 2007 | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | | 741 | | 659 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 259 | (35%) | 420 | (64%) |
| Mhux rakkomandati | 387 | (52%) | 208 | (32%) |
| Tlabna aktar informazzjoni | 83 | (11%) | 28 | (4%) |
| Pendenti | 12 | (2%) | 3 | (1%) |

ta' madwar 29%. Anke n-numru ta' applikazzjonijiet fejn tlabna aktar informazzjoni naqas sostanzjalment b'madwar 7%.

1.4 Il-Kummissjoni tagħmel spezzjonijiet biex il-MEPA toħroġ il-Clearance/ Compliance Certificate biex ikun jista' jingħata d-dawl u l-ilma lill-applikanti. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tinstab miġbura f'Tabella 9.

1.5 In-numru ta' binjiet li l-Kummissjoni teżamina għal Clearance/Compliance Certificate baqa' fl-istess livell tas-sena l-oħra, 57, u hu wieħed baxx ħafna l-aktar meta tqabblu man-numru ta' applikazzjonijiet li vvettjat, 659, li jammonta biss għal 9% ta' dawn l-applikazzjonijiet.

1.6 Min-naħa l-oħra hu inkoraġġanti ħafna li n-numru ta' binjiet li ġew eżaminati u li huma aċċessibbli kien wieħed għoli ferm: 95%. Dan hu ta' sodisfazzjon kbir għax donnu li l-messaġġ għall-aċċessibilità fiżika għal kulħadd qed jasal.

1.7 Il-Kummissjoni tirċievi diversi talbiet għall-informazzjoni dwar l-aċċessibilità fiżika fil-lukandi. Il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju biex fuq bażi volontarja, isir assessment fiżiku ta' lukanda u jinħareġ rapport informattiv li eventwalment jitpoġġa fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Fir-rapport ukoll ikun hemm indikazzjoni ta' x'jista' jsir biex l-aċċessibilità fiżika titjieb. Il-Kummissjoni għamlet din it-talba lil 21 lukanda, li minnhom aċċettaw li jsir dan ir-rapport 12-il lukanda. S'issa saru għaxar rapporti.

1.8 Permezz ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni reġgħet stampat aktar kopji tal-ktieb **Access for All - Design Guidelines**.

## 2. Is-Servizz tal-Blue Sticker

2.1 Il-Kummissjoni kompliet ukoll tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex persuni b'diżabilità li għandhom nuqqas ta' mobilità jkollhom is-servizz tal-Blue Sticker. Dan il-benefiċċju primarjament jintitola persuni b'diżabilità b'nuqqas ta' mobilità biex jipparkjaw f'postijiet riżervati għalihom f'parkeġġi pubbliċi.

2.2 Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni ħadmet f'dan il-qasam skond ma jidher f'Tabella 10.

**Tabella 9: Ivvettjar għal Clearance/Compliance Certificate**

| | 2006 | | 2007 | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | | 59 | | 57 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 35 | (59%) | 54 | (95%) |
| Mhux rakkomandati | 23 | (39%) | 3 | (5%) |
| Pendenti | 1 | (2%) | - | - |

| Tabella 10: Blue Sticker | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | 2005 | | 2006 |
| Applikazzjonijiet ġodda | | 814 | | 982 |
| Rakkomandati Blue Sticker Permanenti | 504 | (62%) | 604 | (62%) |
| Rakkomandati Blue Sticker Temporanju | 111 | (14% | 139 | (14%) |
| Mhux rakkomandati | 119 | (15%) | 123 | (13%) |
| Ma attendewx għall-appuntament tat-tabib | 68 | (8%) | 93 | (10%) |
| Pendenti | 12 | (1%) | 23 | (2%) |
| Numru ta' persuni li ġeddew il-Blue Sticker | | 174 | | 125 |
| Total ta' persuni li għandhom il-Blue Sticker | | 4,881 | | 5,267 |

2.3 Għal darb'oħra, dan is-servizz reġa' ra żieda sostanzjali kemm fin-numru ta' applikazzjonijiet, 21%, kif ukoll fin-numru ta' Blue Stickers li ħarġu; żieda ta' 20% f'dawk permanenti u 3% f'dawk temporanji. U dan minkejja li l-applikazzjonijiet kollha qed jiġu vvettjati minn professjonist tal-Kummissjoni fl-uffiċini tagħha u l-introduzzjoni ta' tariffa. In-numru ta' applikazzjonijiet li ġew rifjutati (13%) jew li waqqgħu l-applikazzjoni tagħhom (10%) għax ma attendewx għall-appuntament tat-tabib, ukoll huma sostanzjali.

2.4 L-inizjattiva l-oħra tal-Kummissjoni li tiġbor il-Blue Sticker ta' persuni li jkunu mietu żgur li tat il-frott tagħha biex il-figura globali ta' Blue Stickers fiċ-ċirkulazzjoni tibqa' l-aktar baxxa possibbli. Filwaqt li nħarġu 743 Blue Sticker ġdid, il-figura totali żdiedet biss bi 386. Fil-fatt matul din is-sena, il-Kummissjoni kitbet lil 722 familja biex jirritornaw il-Blue Sticker tal-familjari tagħhom li kienu mietu. Minn dawn, 571 jew 79% irritornaw dan l-isticker waqt li 82 jew 11% tat-total għamlu affidavit li dan l-isticker kien intilef. Kienu 69 biss jew 10% tat-total li baqgħu ma rritornawx il-Blue Sticker. F'dawn il-każijiet il-Kummissjoni tikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dan id-dokument jinġabar mill-Pulizija.

2.5 Il-Kummissjoni talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinħoloq mekkaniżmu ħalli persuni li l-applikazzjoni tagħhom għal Blue Sticker ma tintlaqax mill-Kummissjoni u jħossu li għandhom jappellaw, ikunu jistgħu jagħmlu dan. Wara diskussjonijiet pjuttost twal, twaqqaf bord biex jeżamina dawn it-talbiet li hu mmexxi mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Dan il-Bord hu amministrat mis-Segretarjat tal-Kummissjoni. Matul din is-sena, dan il-Bord iltaqa' 4 darbiet; l-ewwel żewġ laqgħat saru biex jistabbilixxi l-proċedura waqt li fiż-żewġ laqgħat l-oħra nstemgħu sitt appelli. Dan il-Bord ma laqa' l-ebda wieħed minn dawn l-appelli u kkonferma d-deċiżjoni tal-professjonist tal-Kummissjoni.

## 3. Il-Parkeġġi Riżervati

3.1 Is-Servizz ta' Parkeġġi Riżervati quddiem residenzi ta' persuni b'diżabilità li

għandhom nuqqas sever ta' mobilità jingħata mill-Awtorità dwar it-Trasport skond kriterji miftehma mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni bi ftehim ma' l-Awtorità tamministra r-Review Panel għal dan is-servizz. Dan il-Panel hu kompost minn rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jaġixxi ta' Ċermen u rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' l-Awtorità dwar it-Trasport u tad-Diviżjoni tas-Saħħa bħala membri. Dan il-Panel għandu l-inkarigu li jirrevedi deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Awtorità u li ma jkunx hemm qbil dwarhom mill-applikant jew mill-kunsill lokali konċernat.

3.2 F'din is-sena, ir-Review Panel iffunzjona skond kif jidher f'Tabella 11.

**Tabella 11:**
**Review Panel tar-Reserved Parking**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Talbiet eżaminati | 27 | 58 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 11(41%) | 35(60%) |
| Mibdula l-ewwel deċiżjoni | 16(59%) | 23(40%) |

3.3 Wara t-tnaqqis sostanzjali li kien hemm is-sena l-oħra fit-talbiet għal dan is-servizz, matul din is-sena ġiet reġistrata żieda fejn in-numru ta' talbiet aktar minn irduppjaw. Il-maġġoranza tat-talbiet għal reviżjoni, 60%, ma ġewx milqugħa.

## 4. L-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni

4.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet biex il-Ministeru tal-Finanzi jeżenta persuni b'diżabilità (u f'ċerti ċirkustanzi membri tal-familja tagħhom) mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u/jew dazju fuq karozzi li jkollhom bżonn. Statistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella 12.

4.2 Il-Kummissjoni kompliet bil-proċedura li tirreferi r-rakkomandazzjoni lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tiegħu wara li l-applikant jipproduċi prova li jkun se jixtri l-karozza. In-numru ta' applikanti (21) li għad ma għamlux użu minn din l-eżenzjoni hu wieħed pjuttost baxx u jindika li din il-proċedura qed taħdem.

**Tabella 12: Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 180 | 301 |
| Rakkomandati | 149 (83%) | 269 (89%) |
| Mhux rakkomandati | 12 (7%) | 9 (3%) |
| Għad ma għamlux użu mill-eżenzjoni | 11 (6%) | 21 (7%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 8 (4%) | 2 (1%) |

4.3 Iċ-ċifri għal dan is-servizz wera żieda qawwija ħafna fl-applikazzjonijiet, madwar 67%, waqt li l-persentaġġ ta' applikazzjonijiet approvati baqa' wieħed għoli, ta' madwar 89%. Dan il-persentaġġ hu għoli daqshekk għax is-segretarjat tal-Kummissjoni jinvesti ħin sostanzjali billi jagħti pariri lill-applikanti qabel dawn japplikaw.

4.4 Matul din is-sena, il-Kummissjoni, bl-approvazzjoni u s-sapport tal-Ministeru tal-Finanzi rnexxielha tirrijorganizza b'mod radikali dan is-servizz flimkien ma' dak dwar l-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq. Sa nofs din is-sena l-applikanti kien qed ikollhom japplikaw il-Kummissjoni, imorru jagħmlu eżami mediku fl-Occupational Health Unit tad-Diviżjoni tas-Saħħa biex eventwalment, il-Kummissjoni tinforma lill-Ministeru tal-Finanzi biex, jekk ikun il-każ tinħareġ l-ittra ta' l-eżenzjoni. Dan is-servizz ġie simplifikat billi l-eżami mediku qed isir minn professjonisti mediċi tal-Kummissjoni u b'hekk il-proċedura ġiet simplifikata radikalment. Is-servizz hu wieħed aktar speċjalizzat u qed jingħata fi żmien ħafna iqsar. Vantaġġ ieħor ta' din il-proċedura l-ġdida hi, li dawk li japplikaw għal dan is-servizz u għal Blue Sticker flimkien, qed ikollhom jagħmlu eżami mediku wieħed.

**Tabella 13: Eżenzjoni mil-Ħlas tal-Liżenzja tat-Triq**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 113 | 191 |
| Rakkomandati | 86(76%) | 144 (75%) |
| Mhux eliġibbli | 14(12%) | 31 (16%) |
| Waqqgħu l-applikazzjoni | 6(5%) | 15 (8%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 7(6%) | 1 (1%) |

## 5. L-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq

5.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Liċenzji biex sewwieqa li għandhom diżabilità skond l-Att tas-Sigurtà Soċjali (1987) jew li għandhom vettura modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom, jiġu eżentati mill-ħlas tal-Liċenzja tat-Triq. L-istatistika għas-sena 2007 fir-rigward ta' dan is-servizz tinstab f'Tabella 13.

5.2 Dan is-servizz, l-istess bħal dak ta' l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni wera żieda qawwija ħafna ta' 69% fuq l-applikazzjonijiet tas-sena ta' qabel. Dawn iż-żidiet probabbilment huma attribwiti għall-fatt li dawn iż-żewġ servizzi qed jiġu amministrati mill-Kummissjoni u għalhekk, peress li l-proċedura ssimplifikat ruħha, saret waħda aktar mgħaġġla.

## 6. Trasport Aċċessibbli

Din is-sena, il-Kummissjoni kompliet fil-ftehim, milħuq is-sena l-oħra mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care, biex din il-Fondazzjoni tipprovdi servizz ta' trasport individwalizzat lill-persuni b'diżabilità li għandhom bżonn dan is-servizz. Il-Kummissjoni, permezz ta' l-NGO Liasion Committee tal-Ministeru tal-Familja, għaddiet il-fondi li hi vvutat għal dan is-servizz lil din il-Fondazzjoni.

06

# L-Aċċess għall-Informazzjoni

## 1. Kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Aċċessibilità għall-Informatika (FITA)

1.1 Fl-1998, il-Kummissjoni u l-MITTS ingħaqdu flimkien biex titwaqqaf il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità għall-Informatika (FITA) bil-għan primarju li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għall-informatika. Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ tagħha lil din il-Fondazzjoni, fosthom billi tinnomina żewġ persuni biex ikunu fuq il-bord tat-tmexxija ta' din il-Fondazzjoni.

1.2 Matul din is-sena kompliet il-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni mal-FITA billi:

- tkompliet tiġi żviluppata t-taqsima ta' kotba, rivisti u CDs fiċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli fuq dan is-suġġett biex dawn ikunu jistgħu jintużaw minn dawk kollha interessati;
- tkompla jitħaddem il-ftehim mal-Community Chest Fund biex persuni b'diżabilità jingħataw assistenza finanzjarja biex huma jkunu jistgħu jixtru kompjuter;
- ħaddmu flimkien is-servizz li bih numru ta' persuni b'diżabilità jibbenefikaw mill-Websave u għajnuna finanzjarja mill-Go Mobile.

07

# L-Edukazzjoni

## 1. Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali

Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport kollu tagħha fl-implimentazzjoni tar-rapport Spiteri dwar ir-Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Speċjali u Inklużiva. Dan sar l-aktar permezz ta' ħidma mill-qrib mal-koordinatur tan-Network għall-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali, is-Sur George Borg, li hu wkoll membru tal-Kummissjoni. Hu għandu l-inkarigu li jimplimenta r-rakkomandazzjoniet ta' dan ir-rapport.

Qasam partikulari fejn din il-kollaborazzjoni qed tkun effettiva hi fit-taħriġ kemm tal-Learning Support Assistant (eks facilitators) kif ukoll ta' l-Inclusive Co-ordinators. Il-Kummissjoni qed tagħti s-sehem tagħha kemm fit-taħriġ kif ukoll bit-tfassil ta' dan it-taħriġ.

Wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, in-Network għall-Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali, u l-ETC, sar kors bażiku għal persuni li xtaqu jaħdmu bħala Learning Support Assistants. Hekk, meta d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jkollha bżonn timpjega dan l-istaff anke fuq bażi każwali, ikun hemm nies imħarrġa ta' l-anqas b'mod bażiku għal dan ix-xogħol.

## 2. L-iStatementing Moderating Panel u l-Bord ta' l-Appelli

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni reġa' ħatar l-iStatementing Moderating Panel u l-Bord ta' l-Appelli skond kif hemm indikat fid-dokument tal-politika "Inclusive Education - Support to Students with Disability". Il-Kummissjoni kompliet tagħti sehemha f'dan l-eżerċizzju permezz tar-rappreżentant tagħha, iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, li hu membru tal-Bord ta' l-Appelli. L-għan aħħari ta' din il-politika u ta' dawn l-entitajiet hu li kull student b'diżabilità jkollu programm individwali edukattiv skond il-bżonnijiet individwali tiegħu jew tagħha.

## 3. L-Għoti tal-Mediċina fl-Iskejjel Regolari

Waħda mill-problemi serji li qed jiffaċċjaw numru ta' ġenituri ta' studenti b'diżabilità li jattendu skejjel regolari hi l-għoti tal-mediċina li jkollhom bżonn. Ħafna drabi l-ġenituri jkollhom imorru huma stess kuljum biex jagħtu din il-mediċina lil uliedhom jew inkella dawn l-istudenti jkollhom jibqgħu mingħajr din il-mediċina, ħafna drabi b'detriment għall-edukazzjoni tagħhom. Dan kollu qed isir minkejja li ħafna minn dawn l-istudenti għandhom Learning Support Assistant full-time magħhom. Il-Kummissjoni fehmet li din hi problema komplessa u aċċettat li tieħu sehem permezz taċ-Ċermen, is-Sur Joe Camilleri, fi grupp ta' ħidma biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru. Dan il-grupp iffinalizza r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u ppreżentahom lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Peress li għaddew diversi xhur u ma ġie reġistrat l-ebda progress, il-Kummissjoni ppreżentat protest ġudizzjarju li baqa' mhux imwieġeb. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma kellha l-ebda triq għajr li tiftaħ kawża kontra l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Din il-kawża diġà bdiet tinstema' quddiem l-Imħallef Lofaro.

## 4. L-iMCAST

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex l-iMCAST joffri opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità kemm billi joffri s-sapport meħtieġ ħalli dawn l-istudenti jkomplu jsegwu korsijiet regolari ta' dan il-Kulleġġ kif ukoll biex ikun hemm korsijiet speċifiċi għall-persuni b'diżabilità, l-aktar dawk b'nuqqas intellettwali.

Sfortunatament matul din is-sena, il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li studenti b'diżabilità ma ġewx aċċettati biex isegwu korsijiet regolari ta' l-iMCAST, fosthom dawk ta' l-IT, minħabba li ma kienx hemm is-sapport meħtieġ lill-istudenti. Barra minn hekk, il-kors PATHWAYS maħsub għall-istudenti b'nuqqas intellettwali kien twaqqaf. Wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-iMCAST u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni numru ta' studenti b'diżabilità ngħataw is-sapport biex isegwu l-korsijiet li xtaqu waqt li reġa' ġie introdott il-kors PATHWAYS.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din l-istituzzjoni edukattiva f'pajjiżna verament toffri opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità.

## 5. L-Università

Il-Kummissjoni kompliet iżżomm kuntatt mill-qrib ħafna ma' l-awtoritajiet ta' l-Università biex tassigura li l-awtoritajiet u l-istudenti universitarji jagħrfu l-kwistjonijiet marbuta mal-persuni b'diżabilità. Dan il-kuntatt seta' jsir b'mod aktar dirett minħabba li s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu wkoll membru tas-Senat ta' l-Università.

Kif irrapportajna s-sena l-oħra, l-Università ta' Malta, kienet irrijorganizzat dak li qabel kien magħruf bħala l-iSpecial Needs Committee u floku twaqqaf il-Kumitat ACCESS: Disability Support Committee (ADSC). Dan il-kumitat hu mmexxi mill-Pro-Rettur, Dr Marianne Lauri u sar kumitat kemm tas-Senat kif ukoll tal-Kunsill ta' l-Università u għalhekk jista' jiddiskuti temi akkademiċi wkoll.

Biex ikun jista' jwettaq ħidmietu b'mod effettiv dan il-kumitat waqqaf tliet sotto-kumitati:

- l-aċċess fiżiku fl-Università mmexxi minn Dr Marie Alexander;
- l-arranġamenti għall-aċċess għall-eżamijiet ta' l-Università mmexxi mis-Sur Benny Borg Bonello;
- l-użu ta' l-Information and Communication Technology waqt l-eżamijiet immexxi minn Dr Paul Bartolo.

Waħda mill-ewwel issues li dan il-kumitat iddiskuta kienet dik ta' l-arranġamenti ta' l-aċċess għall-eżamijiet ta' l-Università b'mod partikulari dawk tal-MATSEC. Is-sotto-kumitat maħtur għal dan is-settur fassal linji gwidi għal dawn l-arranġamenti flimkien ma' formoli ta' applikazzjoni. Dawn il-linji gwida u formoli ġew ippubblikati fi ktieb u ppreżentati kemm lill-pubbliku, kif ukoll lill-iskejjel, professjonisti u lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Barra minn hekk din il-pubblikazzjoni tinsab ukoll fuq il-websajt kemm ta' l-Università kif ukoll tal-Kummissjoni. Dawn l-arranġamenti tfasslu b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni kif ukoll mad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet.

Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq dan il-kumitat permezz taċ-Ċermen, is-sur Joe Camilleri.

## 6. Proġett Pilota fl-Iskola Sekondarja Marija Assunta

Il-Kummissjoni kompliet tagħti sehemha fil-proġett pilota li nbeda matul l-2004 ma' l-iskola sekondarja Marija Assunta ħalli l-istudenti b'diżabilità ta' din l-iskola jkollhom programm individwali edukattiv u biex il-Learning Support Assistants li jaħdmu ma' dawn l-istudenti jkollhom is-sapport neċessarju ħalli huma jkunu jistgħu jimplimentaw dawn il-programmi. Matul din is-sena, l-HSBC Care for Children Fund, bis-sapport tal-Kummissjoni, aċċetta li jkompli jisponsorja dan il-proġett għat-tliet snin li ġejjin.

08

# Is-Servizzi għal Adulti b'Diżabilità

## 1. Il-Qasam ta' l-Impjiegi

1.1 **Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ**
Il-Kummissjoni żammet kuntatt kontinwu mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ biex din tipprovdi servizzi speċjalizzati lill-persuni b'diżabilità kemm fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali kif ukoll f'dak ta' l-impjiegi, l-aktar permezz ta' laqgħat regolari mal-Kap Eżekuttiv ta' din il-Korporazzjoni, is-Sinjura Sue Vella. Barra minn hekk, is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu direttur ta' din il-Korporazzjoni.

1.2 Il-Kummissjoni għamlet diversi proposti biex dawn il-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet akbar biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Fid-dokument ta' qabel il-baġit, il-Gvern spjega li kien hemm żewġ toroq: jew ta' l-infurzar ta' liġi tal-kwota jew inkella dik li tinċentiva lil Min Iħaddem u lill-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li hemm lok għat-tnejn. Fil-baġit il-Gvern għażel li jkompli jinċentiva lil Min Iħaddem biex jimpjega aktar persuni b'diżabilità billi eżenta milli titħalles il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali fl-ewwel tliet snin meta tiġi impjegata persuna b'diżabilità. Din l-inċentiva se tingħata b'żieda ma' kull inċentiv ieħor li l-ETC toffri.

1.3. Fl-1996, il-Kummissjoni bi qbil ma' l-entitajiet kollha involuti, ippubblikat il-Politika Nazzjonali dwar il-Persuni b'Diżabilità u x-Xogħol. Il-Kummissjoni ħasset li hemm bżonn ta' aġġornament profond ta' din il-politika u għalhekk matul din is-sena nediet eżerċizzju biex tibda l-konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni ta' din il-politika. Għal dan il-għan, ġiet organizzata laqgħa ta' konsultazzjoni li fih ġew diskussi diversi suġġerimenti. Il-Kummissjoni se tkompli dan l-eżerċizzju biex, jekk inhu possibbli, ttemmu matul is-sena d-dieħla.

## 2. Servizzi ta' Matul il-Jum

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-adulti b'diżabilità jkollhom il-fondi neċessarji ħalli jkollhom struttura maniġerjali adegwata, ikun hemm titjib fis-servizzi, l-aktar permezz ta' taħriġ lill-ħaddiema u l-ingaġġ ta' professjonisti, u li dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli għal kull min għandu bżonnhom, jiġifieri li ma jkunx hemm lista ta' stennija.

Bħal ma għamlet fis-snin l-imgħoddija, il-Kummissjoni għamlet din it-talba waqt id-diskussjoni għall-baġit tas-sena 2008. Fid-diskors ta' dan il-baġit, il-Prim Ministru wiegħed li talbiet li qed isiru minn dan is-settur minn fondi Ewropej allokati għal pajjiżna se jiġu kkunsidrati b'mod mill-aktar pożittiv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, flimkien mal-ETC, qed tagħti s-sapport sħiħ tagħha lill-Aġenzija SAPPORT biex jiġi ppreżentat proġett bl-isem ta' ME2 ħalli jkun iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew li l-applikazzjonijiet għalihom se joħorgu kmieni fl-2008. Dan il-proġett għandu l-għan li jagħti esperjenza ta' xogħol lil numru ta' klijenti tas-Servizzi ta' Matul il-Jum bil-possibilità li wħud minnhom isibu mpjieg permanenti.

09

# Is-Servizzi Residenzjali

## 1. L-Aġenzija SAPPORT

1.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ lill-Aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali. Din l-Aġenzija għandha r-responsabilità li tiżviluppa servizzi fil-komunità biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom u, meta dan ma jkunx aktar possibbli, tipprovdilhom djar żgħar fil-komunità bis-sapport meħtieġ. Il-Kummissjoni tat is-sapport sħiħ lil din l-Aġenzija billi:

- ħadmet u qed taħdem biex ikollha l-fondi li għandha bżonn;
- hi rappreżentata fuq il-Kumitat għall-Allokazzjoni tas-Servizzi, li hu l-kumitat li jeżamina t-talbiet għas-servizzi mogħtija minn din l-Aġenzija.

1.2 Il-Kummissjoni temmen li din l-Aġenzija m'għandhiex il-fondi neċessarji biex tipprovdi s-servizzi fil-komunità lil min għandu bżonnhom tant li hi issa għandha lista ta' stennija twila ġmielha. Il-Kummissjoni għamlet talba lill-Gvern biex għas-sena 2008, il-baġit ta' din l-Aġenzija jiżdied b'mod sostanzjali. Għall-2008, il-Gvern żied il-fondi ta' din l-Aġenzija biex tkun tista' tiftaħ dar żgħira oħra fil-komunità ta' Bormla.

## 2. Il-Qafas Legali

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex issir il-liġi dwar il-Guardianship bil-għan li jtejjeb b'mod sostanzjali l-proċeduri legali użati biex persuni li ma jistgħux jamministraw ġidhom u ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom għal kollox ikollhom il-protezzjoni legali dwar min joffrilhom is-sapport li għandhom bżonn. Sfortunatament għad ma nstabitx il-formula legali ġusta biex dan l-abbozz isir liġi. Hi l-fehma tal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' dan il-qafas legali anke biex Malta tkun f'pożizzjoni li tirratifika l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

## 3. L-Iskema ta' l-Assistenza Personali

3.1 Numru żgħir ta' persuni b'diżabilità qed jixtru s-servizz ta' Assistenti Personali minn persuni barranin. Għal dan il-għan dawn l-assistenti jkollhom bżonn permess tax-xogħol mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ. Wara ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet konċernati, ġie deċiż li dan il-permess jingħata jekk l-applikazzjoni tkun rakkomandata mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan il-Kummissjoni, wara li ssir żjara fid-djar ta' l-applikanti minn professjonist tagħha, tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam tista' tinġabar fl-istatistika li hemm f'Tabella 14.

3.2 Dan is-servizz ukoll wera żieda kbira ħafna fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet għalih tant li n-numru kważi hu tliet darbiet aktar minn dak tas-sena l-oħra.

3.3 Il-Gvern irrikonoxxa l-importanza ta' dan is-servizz tant li fil-baġit għas-sena 2008, aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u eżenta lill-applikanti għal dan is-servizz mill-ispejjeż amministrattivi dovuti lill-ETC u kkredita lil dawn il-ħaddiema bil-kontribuzzjonijiet tagħhom għas-Sigurtà Soċjali. Dan ifisser li l-persuni b'diżabilità li jużaw dan is-servizz se jibda jkollhom ħafna anqas spejjeż biex jibbenefikaw minnu.

**Tabella 14:**
**Skema ta' Assistenza Personali**

| | 2006 | 2007 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 36 | 106 |
| Rakkomandati | 32(89%) | 81 (76%) |
| Mhux eliġibbli | 2(6%) | 19 (18%) |
| Pendenti | 2(6%) | 6 (6%) |

## 4. Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care

Il-Kummissjoni ngħaqdet ma' l-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità biex titwaqqaf il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care biex tipprovdi servizzi residenzjali għal żmien limitat lil persuni b'diżabilità u hekk toffri serħan għall-membri tal-familja li jkunu qed jieħdu ħsiebhom. Il-Kummissjoni matul is-snin kompliet tagħti l-appoġġ tagħha lil din l-inizjattiva b'mod partikulari billi tinnomina tliet membri fuq il-bord li jmexxi din il-fondazzjoni.

## 5. Titjib f'Residenzi ta' Persuni b'Diżabilità

5.1 L-Awtorità tad-Djar għandha skema li permezz tagħha tagħti assistenza finanzjarja biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirranġaw ir-residenzi tagħhom skond il-bżonnijiet relatati mad-diżabilità tagħhom. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fil-kumitat li jeżamina dawn it-talbiet permezz tal-maniġer li tmexxi s-Servizz Għajnuniet Speċjali.

5.2 Matul din is-sena wkoll, l-Awtorità tad-Djar laqgħet talba tal-Kummissjoni u tejbet b'mod sostanzjali l-iskema biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jinstallaw lift fir-residenzi tagħhom minħabba li huma jkollhom diżabilità.

10

# Azzjoni fil-Komunità

## 1. Ħidma Soċjali mal-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mat-taqsima ta' l-Aġenzija SAPPORT li tipprovdi servizzi ta' ħidma soċjali ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan sar l-aktar billi l-Kummissjoni pprovdiet l-uffiċini li minnhom topera din it-taqsima fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera, u offritilha wkoll assistenza amministrattiva.

## 2. Sussidju fuq il-Posta lill-Għaqdiet Volontarji

Il-Kummissjoni reġgħet allokat somma flus mill-fondi tagħha biex tissussidja l-posta ta' l-għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Dan is-sussidju hu ta' nofs l-ispiża totali. Matul dan il-perjodu, il-ħdax-il entità li bbenefikaw minn dan is-servizz kienu:

- L-Assoċċjazzjoni ta' Down Syndrome
- Il-Fondazzjoni Arka
- Il-Fondazzjoni Eden
- Il-Fondazzjoni Equal
- Il-Fond għar-Rijabilitazzjoni tal-Ħandikappati
- Il-Fondazzjoni Servizzi ta' Respite Care
- L-Għaqda Nazzjonali Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità
- Il-Grupp tal-Persuni bl-Epilessija (Caritas)
- Il-Ħbieb Aġenzija SAPPORT
- Il-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' l-Azzjoni Kattolika
- Il-Multiple Schlerosis ta' Malta.

## 3. Ħidma ma' Organizzazzjonijiet Oħra

Il-Kummissjoni matul din is-sena ħadmet mill-qrib ma' diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi biex hi tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha. Ħafna minn din il-ħidma hi rappurtata f'taqsimiet oħra ta' dan ir-rapport. Ħafna drabi din il-ħidma tkun waħda informali u għalhekk mhix rappurtata. Il-ħidma saret ma' diversi entitajiet li jinkludu:

- L-Assoċċjazzjoni ta' Down Sydrome
- L-Assoċċjazzjoni dwar is-Saħħa Mentali
- L-Awtorità dwar l-iStandards
- L-Awtorità tax-Xandir
- Ic-Chaplaincy ta' l-Università
- Il-Federazzjoni tal-Għaqdiet Mhux Governattivi f'Għawdex
- Il-Federazzjoni tal-Għaqdiet Persuni b'Diżabilità
- Il-Fondazzjoni Equal
- Il-Fondazzjoni Klieb Gwida
- Il-gazzetti
- Il-General Workers Union
- L-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità
- L-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ
- L-Istitut tal-Ġurnalisti
- L-istazzjonijiet tar-radju
- L-istazzjonijiet tat-televixin
- Il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Ewro
- Il-Kumitat tal-Pjan Nazzjonali biex tiġġieled il-Faqar.
- Il-Kumitat tal-World Arthritis Day
- Il-Kummissarju tat-Tfal
- Il-Kummissjoni tal-Familja
- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza
- Il-Kummissjoni Pastorali Persuni b'Diżabilità
- Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
- Il-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità
- Media Consulta.

# 11

# It-Taħriġ u r-Riċerka

## 1. Il-Kors dwar l-Oqsma tad-Diżabilità

1.1 Il-Kummissjoni kompliet tagħmel sensiela ta' taħriġ dwar l-oqsma marbuta mad-diżabilità lil studenti universitarji u ħaddiema diversi bil-għan li dawn ikollhom għarfien aktar wiesa' ta' dan il-qasam, l-aktar mill-aspett soċjali. Dawn il-laqgħat isiru primarjament minn persuni b'diżabilità nfushom. Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hi miġbura f'Tabella 15.

1.2 In-numru ta' parteċipanti għal dan it-taħriġ naqas sostanzjalment b' madwar 31%. Dan wara li s-sena l-oħra kien hemm żieda sostanzjali biex il-figura ta' din is-sena hi qrib ħafna dik tal-2005.

## 2. Taħriġ għall-Persuni b'Diżabilità u l-Kors Semma' Leħnek

Il-Kummissjoni għat-tieni darba organizzat kors residenzjali ta' jumejn lill-persuni b'diżabilità biex huma jkunu jistgħu jitħarrġu ħalli, fost l-oħrajn, huma jkunu jistgħu jitkellmu fil-pubbliku fil-programm ta' lectures dwar l-Oqsma tad-Diżabilità li l-Kummissjoni torganizza minn żmien għal żmien. Għal dan il-kors attendew 15-il parteċipant b'diżabilitajiet differenti. Il-kors tmexxa mis-Sur Mark Harrison ta' l-Empowerment and Development Agency tar-Renju Unit bis-sehem tas-sinjuri Michelle Vicar mill-Outlook Coop u Joseph Camilleri, Ċermen tal-KNPD.

Dan it-taħriġ ġie segwit bil-kors Semma' Leħnek li jikkonsisti f'serje ta' laqgħat prattiċi dwar kif titkellem fil-pubbliku, ħiliet tal-kitba, u ħiliet kif tieħu sehem fi programmi tat-televiżjoni u r-radju. Kien hemm sessjonijiet prattiċi kemm fi studjow tar-radju kif ukoll tat-televiżjoni.

**Tabella 15: Laqgħat dwar l-Qqsma tad-Diżabilità**

| KLIJENT | KORS | L-GĦADD TA' PARTEĊIPANTI |
|---|---|---|
| L-Università ta' Malta | Fakultà ta' l-Edukazzjoni B.Ed | 169 |
| | Fakultà ta' l-Edukazzjoni M.Ed | 20 |
| | M.Psy | 4 |
| | Fakultà tal-Mediċina | 45 |
| | Fakultà tal-Liġi | 15 |
| | M.A (Drittijiet Umani) | 30 |
| | Social Work | 37 |
| | Institute of Health Care | 75 |
| Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Kapijiet u Assistenti Kapijiet | 21 |
| | Learning Support Assistants | 60 |
| | Istitut dwar Studji Turistiċi | 24 |
| Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ | Child Carers | 31 |
| | Support workers | 67 |
| L-Akkademja tal-Pulizija | | 120 |
| BOV | | 60 |
| Gozo Channel | | 35 |
| Dar tal-Providenza | | 15 |
| **Total** | | **828** |

Il-parteċipanti li temmew dan il-kors ingħataw ċertifikat ta' attendenza mill-Onor Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru waqt ir-riċeviment ta' Radd il-Ħajr li l-Kummissjoni organizzat waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità f'Kastilja.

Dan it-taħriġ kien iffinanzjat mill-Programm Komunitarju biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

## 3. Taħriġ lill-Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Bħala parti mill-proċess biex timplimenta l-Policy dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Diżabilità Intellettwali u t-twaqqif mill-KNPD tal-Grupp Permanenti ta' Persuni b'Diżabilità Intellettwali, il-Kummissjoni ħadmet mas-Sotto-Kumitat Flimkienaslu tal-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità

biex il-membri ta' dan is-sottokumitat ikun jista' jagħmel żjara ta' studju fl-uffiċini tal-People's First ġewwa Londra. Dan is-sotto-kumitat jikkonsisti f'ħames persuni li għandhom diżabilità intellettwali u tliet membri oħra li jissapportjawhom. L-għaqda People's First hi l-għaqda nazzjonali fir-Renju Unit li tirrappreżenta l-interessi tal-persuni b'diżabilità intellettwali u hi mmexxija minnhom stess bis-sapport meħtieġ. Din iż-żjara saret f'Marzu 2007 u l-Kummissjoni aġixxiet bħala l-koordinatur tal-fondi li dan is-sottokumitat irċieva mill-Programm ta' l-Unjoni Ewropea Leonardo.

Din iż-żjara kienet suċċess u inkludiet laqgħat ma' Sir Bert Massie, iċ-Ċermen tad-Disability Rights Commission tar-Renju Unit, mas-Sur Dave Morris, konsulent ewlieni fl-Uffiċċju tas-Sindku ta' Londra u mal-Grupp tal-Partiti Kollha dwar id-Diżabilità Intellettwali tal-Parlament Brittaniku.

## 4. PEKTUR (Il-Programm Edukazzjoni Kontinwa, Taħriġ u Riċerka)

Dan il-programm beda jaħdem matul l-1998 bil-għan li joffri għajnuna finanzjarja limitata fl-oqsma ta' l-edukazzjoni kontinwa, it-taħriġ u r-riċerka fil-qasam tad-diżabilità. Matul din is-sena, PEKTUR għamel sejħa waħda għal applikazzjonijiet għal taħriġ u riċerka fil-qasam tal-persuni b'diżabilità u rċieva tliet talbiet. Il-Bord li jmexxi dan il-Programm iddeċieda hekk:

- Persuna bla diżabilità talbet għajnuna finanzjarja sabiex tkompli d-dottorat tagħha fil-qasam tal-persuni b'diżabilità u s-sesswalità. Minħabba li dan il-qasam mhux meqjus wieħed mill-prijoritajiet tal-PEKTUR u minħabba limitazzjoni ta' fondi, din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa.
- Persuna bla diżabilità applikat għall-għajnuna finanzjarja sabiex tkompli l-istudju tagħha bid-distanza, f'livell post-terzjarju ma' università barranija u fil-qasam tad-diżabilità, ċjoe, PGCE: Adults with learning disabilities who have significant and complex needs. Minħabba li s-sapport li jingħata lill-qasam ta' persuni b'imġiba diffiċli dejjem tqies bħala wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tal-PEKTUR, din it-talba ntlaqgħet b'għotja ta' Lm600.
- Persuna bla diżabilità għamlet talba għall-għajnuna finanzjarja sabiex tkompli l-istudji tagħha fil-livell terzjarju fil-qasam ta' Human Resource Management. Minħabba li dan l-istudju mhux meqjus wieħed mill-prijoritajiet tal-PEKTUR u minħabba limitazzjoni ta' fondi, din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa.

## 5. Riċerka mill-Kummissjoni

### Aċċess għal Taħriġ Professjonali

Fl-2005, il-KNPD daħlet bħala sieħba fi proġett pilota Aċċess għal Taħriġ Professjonali, maħsub sabiex persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jitħarrġu fil-livell terzjarju l-aktar fil-qasam tal-ħidma soċjali. Dan il-proġett intemm b'suċċess matul l-2007 u hu kien iffinanzjat mill-Programm Leonardo ta' l-Unjoni Ewropea, u koordinat mill-Università De Montfort ta' Leicester, ir-Renju Unit. Fih qed jieħdu sehem ukoll il-Marie Curie Association tal-Bulgarija u d-Dipartiment tal-Ħidma Soċjali ta' l-Università ta' Malta. Il-proġett kompla matul din is-sena bis-Sinjuri Rosanne Fenech u Alison Grima, uffiċjali fis-segretarjat tal-Kummissjoni, jikkoordinaw il-ħidma ta' dan il-proġett

min-naħa tal-Kummissjoni. Il-ħidma li saret mill-Kummissjoni fuq dan il-proġett matul din is-sena kienet tikkonsisti minn:

- parteċipazzjoni fil-laqgħat li saru fil-Greċja u fl-Ingilterra fejn ġie evalwat ix-xogħol li sar f'dan il-programm;
- taħriġ lil kull student li ħa sehem fil-programm Moodle ħalli jkun jista' jaċċessa dan il-proġett;
- tfasslu numru ta' study units u 24 persuna b'diżabilità għamlu dawn il-units bis-sapport ta' 29 mentors. Il-mentors li kienu studenti mill-Università u l-MCAST ukoll ingħataw it-taħriġ meħtieġ.

Fi tmiem il-kors ġiet organizzata attività biex dawn l-istudenti flimkien mal-mentors tagħhom jingħataw ċertifikat tal-parteċipazzjoni f'dan il-proġett. Din l-attività ġiet indirizzata mis-Sur Anthony Saliba, viċi-Prinċipal ta' l-iMCAST, Dr Charles Pace mill-Università ta' Malta u s-Sur Joseph Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni. Is-Sur Joseph Stafrace, student b'diżabilità u s-Sna Joanne Agius, mentor, qasmu ma' l-udjenza l-esperjenzi ta' dan il-kors. L-attività tmexxiet mis-Sna Mariquinia Micallef.

Hu ta' sodisfazzjon nirreġistraw li żewġ studenti li għamlu dan il-kors issa bdew kors universitarju. Barra minn hekk, id-Dipartiment tal-Politika Soċjali u l-Ħidma Soċjali ta' l-Università ta' Malta se jkompli din il-ħidma bis-sapport meħtieġ tal-Kummissjoni.

12

# L-Informazzjoni

## 1. Iċ-Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli

1.1 Waħda mill-attivitajiet prinċipali tal-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni fuq dan is-settur hu ċ-ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli. Fl-2006, beda l-proċess biex dan iċ-ċentru jkollu post aktar adattat u aċċessibli għal kulħadd inkluż persuni b'diżabilità. Dan il-proċess intemm matul din is-sena billi ġie inawgurat dan il-post ġdid. Iċ-ċentru ssemma' għall-attivist kbir u membru tal-Kummissjoni Wenzu Dalli u nfetaħ uffiċjalment minn oħt Wenzu Dalli, is-sinj Carmen Dalli u tbierek minn Fr Martin Micallef.

Waqt din l-attività saret quddiesa għal ruħ is-sur Dalli li kienet segwita b'kommemorazzjoni tiegħu. Fiha taw it-tifkiriet tagħhom ta' Wenzu, is-sinjuri Carmen Dalli, oħt Wenzu; Joseph Camilleri, Ċermen tal-KNPD; Vince Tonna, Assistent Direttur responsabbli miċ-Ċentri ta' Matul il-Jum fejn kien jaħdem Wenzu; Fr Martin Micallef, eks kappillan ta' Ħal Għaxaq; Michael Micallef, kollega u persuna b'nuqqas ta' dawl; u Emmanuel Vassallo, is-Sindku ta' Ħal Għaxaq. L-attività tmexxiet mis-sinj Marchita Mangiafico, President tal-Federazzjoni tal-Għaqdiet Persuni b'Diżabilità.

1.2 Is-servizz taċ-Ċentru Wenzu Dalli kompla jingħata matul is-sena 2007 billi dan ikun miftuħ għall-pubbliku, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju. Dan iċ-ċentru jinsab fl-uffiċini tal-KNPD fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera. Ir-riżorsi li għandu dan iċ-Ċentru u l-ħidma li wettaq matul is-sena 2007 hi dik li tinstab f'Tabella 16.

1.3 Din is-sena, in-numru ta' persuni li għamlu użu minn dan iċ-ċentru żamm l-istess livell tas-sena l-oħra, b'żieda żgħira ta' 5%.

**Tabella 16: Ċentru tar-Riżorsi**

| | MISLUFA | ĠODDA | TOTAL |
|---|---|---|---|
| Perjodiċi | 97 | 89 | 250 |
| Vidjows | 12 | 0 | 443 |
| Audio cassettes | 0 | 8 | 129 |
| CDs | 20 | 8 | 92 |
| DVDs | 11 | 12 | 22 |
| Persuni li użaw iċ-Ċentru fl-2007 | | | 235 |
| Persuni reġistrati ġodda fl-2007 | | | 80 |
| Persuni reġistrati maċ-Ċentru | | | 1,357 |

## 2. Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni

Sors ieħor ta' informazzjoni lill-persuni b'diżabilità u lill-pubbliku ġenerali huma l-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn isiru, fil-maġġoranza tagħhom, bil-Malti u bl-Ingliż. Biex tassigura li dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd, dawn id-dokumenti jsiru wkoll fuq awdjo u b'tipa kbira, primarjament għal persuni li għandhom nuqqas ta' vista. Il-Kummissjoni qed taħdem biex il-maġġoranza tad-dokumenti tagħha jsiru wkoll f'verżjoni Faċli biex Taqra primarjament għal persuni li għandhom nuqqas intellettwali kif ukoll bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija primarjament għal persuni b'nuqqas ta' smigħ. Dawn id-dokumenti fil-verżjonijiet kollha jistgħu jinkisbu, il-maġġoranza tagħhom mingħajr ħlas, mill-uffiċini tal-Kummissjoni. Il-verżjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u dawk Faċli biex Taqra jitpoġġew kollha fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org

### 2.1 Pubblikazzjonijiet Ġodda

Matul din is-sena, il-Kummissjoni ppubblikat dawn il-pubblikazzjonijiet:

- Il-Manwal: **Drittijiet Mhux Karità** - verżjoni bil-Malti b'tipa kbira, bl-Ingliż b'tipa kbira, awdjo, Faċli biex Taqra stampat u fuq awdjo, u bil-Lingwa tas-Sinjali fuq DVD;
- Il-Pakkett Edukattiv **Ħoloq** - verżjoni bil-Malti;
- **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità** - verżjoni Faċli biex Taqra bil-Malti stampata u awdjo;
- In-newsletter **INDAQS** ta' Mejju - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo;
- Edizzjoni Speċjali ta' **INDAQS** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u sommarju Faċli biex Taqra;
- **Fact sheets** dwar Servizzi Oħra tal-Kummissjoni - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo, u Faċli biex Taqra;
- Riproduzzjoni tal-ktieb **Access for All - Design Guidelines** - verżjoni bl-Ingliż;
- Fuljett bil-**Lista ta' Miżuri** li saru matul is-snin li jwasslu għall-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità - verżjoni bil-Malti Faċli biex Taqra;
- Ir-**Rapport Annwali** dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs - Is-Sitt Edizzjoni (2006-2007) - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo;
- Ir-**Rapport Annwali** tal-Kummissjoni għas-Sena 2006 - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo.

Il-Manwal: Drittijiet Mhux Karità ġie ppubblikat permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti li ġew allokati għas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. Il-pubblikazzjonijiet l-oħra, barra r-rapporti annwali u l-edizzjoni ta' Marzu ta' INDAQS, ġew iffinanzjati minn fondi tal-programm ta' l-Unjoni Ewropea tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni.

### 2.2 Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità

Sa mill-1989, il-Kummissjoni ħasbet li tippubblika ktieb bl-informazzjoni kollha neċessarja dwar is-servizzi u l-benefiċċji li pajjiżna joffri lill-persuni b'diżabilità u lill-famiji tagħhom. Matul l-2006, il-Kummissjoni ħejjiet abbozz ta' dan il-ktejjeb Faċli biex Taqra u wara li saru konsultazzjonijiet, l-aktar ma' persuni b'nuqqas intellettwali nfushom, din il-pubblikazzjoni ġiet aġġornata u ppubblikata f'format Faċli biex Taqra kemm stampata kif ukoll awdjo.

### 2.3 In-newsletter INDAQS

Il-Kummissjoni matul is-sena 2007 ippubblikat żewġ ħarġiet tan-newsletter tagħha INDAQS, f'Mejju u f'Diċembru. Din in-newsletter, b'ċirkolazzjoni ta' madwar 9,000 kopja, titqassam lill-persuni b'diżabilità kollha li huma reġistrati mal-Kummissjoni u lil dawk kollha involuti f'dan il-qasam bil-għan li żżommhom infurmati bil-ħidma li l-Kummissjoni tkun qed twettaq.

L-edizzjoni ta' l-INDAQS ta' Diċembru 2007 kienet edizzjoni speċjali biex jitfakkar l-20 anniversarju tal-KNPD u s-sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. Din l-edizzjoni ġiet varata waqt żjara ta' kortesija li l-membri tas-segretarjat tal-Kummissjoni għamlu lill-E.T. Dr E Fenech Adami biex tippreżentalu formalment kopja ta' din l-edizzjoni speċjali ta' INDAQS.

Din l-edizzjoni tinkludi:

- L-INDAQS tas-soltu cjoè informazzjoni dettaljata dwar il-ħidma tal-Kummissjoni f'dawn l-aħħar sitt xhur;
- Messaġġ miċ-Ċermen;
- Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dawn l-aħħar għoxrin sena;
- Lista tal-membri kollha li servew fuq il-Kummissjoni;
- Lista tal-ħaddiema kollha li ħadmu fis-segretarjat tal-Kummissjoni;
- Lista tal-pubblikazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni;
- Lista tal-proġetti kollha li l-Kummissjoni ħadet sehem fihom li kienu ffinanzjati minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea;
- Kopja tal-Posters kollha li l-Kummissjoni ħarġet f'kull Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità;
- Kopja ta' l-ewwel faċċata tal-ħarġiet kollha ta' INDAQS;
- L-attivitajiet li l-Kummissjoni organizzat matul l-2007 biex tfakkar l-20 anniversarju tagħha u s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal kulħadd;
- Lista ta' Miżuri li saru matul is-snin li jwasslu għall-opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabilità.

L-INDAQS tiġi wkoll ippubblikata bl-Ingliż, fuq awdjo bil-Malti, u tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Saret ukoll verżjoni stampata fil-qosor Faċli biex Taqra ta' l-edizzjoni speċjali u tal-Lista ta' Miżuri ta' Opportunitajiet Indaqs. Dawn it-tnejn ukoll jinsabu fil-websajt tal-Kummissjoni.

## Tabella 17

| | MALTI | INGLIŻ | FAĊLI BIEX TAQRA (FBT) | AWDJO | LINGWA TAS-SINJALI | WEBSAJT | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | MALTI | INGLŻ | FBT |
| Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) | X | X | | X | | X | X | |
| Indaqs | X | X | X | X | | X | X | X |
| Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Manwal: Drittijiet Mhux Karità | X | X | X | X | X | X | X | X |
| Access for All - Design Guidelines | | X | | | | | X | |
| Ħoloq | X | | | | | X | | |
| Il-Ktieb tas-Sinjali* | X | X | | | | X | X | |
| Fact sheet - Servizzi tal-Kummissjoni | X | X | X | X | | X | X | X |
| Policy Nazzjonali dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali | X | X | X | X | | X | X | X |
| Rapport dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali | X | X | X | X | | X | X | X |
| Seminar: Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità: Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE | X | X | | X | | X | X | |
| Konferenza dwar id-Direttiva ta' l-UE għal trattament ugwali fl-Impjieg | X | X | | X | | X | X | |
| Ktejjeb: Liġi Opportunitajiet Indaqs | X | | | X | | X | | |
| Fuljett dwar is-Self Advocacy | | | | | | | | X |
| Klijenti b'Diżabilità u Inti | X | | | X | | | | |
| Kodiċi tat-Traffiku bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija | | | | | X | | | |

** Għal dan hemm ħlas nominali.*

## 2.4 Fact sheets dwar Servizzi tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ppubblikat fact sheets dwar servizzi li tagħti direttament hi. Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet b'din is-serje ta' fact sheets billi ppubblikat fact sheets informattivi bil-Malti u bl-Ingliż dwar l-erba' servizzi l-oħra li hi tipprovdi b'mod indirett biex hekk issa għandha fact sheets dwar is-servizzi kollha li tipprovdi. L-erba' servizzi huma:

- Il-Blue Sticker;
- Kumpens fuq Xiri ta' Oġġetti Adattati għall-Persuni b'Diżabilità;
- Eżenzjoni mill-Ħlas tar-Reġistrazzjoni fuq Vetturi;
- Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq.

Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll fuljett li jiġbor din l-informazzjoni f'format Faċli biex Taqra bil-Malti.

## 2.5 Il-Pubblikazzjonijiet tal-KNPD f'Media Differenti

Biex l-informazzjoni offruta mill-Kummissjoni tkun aċċessibbli għall-akbar għadd ta' persuni possibbli, il-pubblikazzjonijiet li saru matul din is-sena, flimkien ma' oħrajn li saru fis-snin ta' qabel, jistgħu jinkisbu mis-Segretarjat tal-Kummissjoni mingħajr ħlas u f'formati differenti, skond kif jidher f'Tabella 17.

## 2.6 Il-Websajt tal-Kummissjoni

Sors ieħor importanti ta' informazzjoni tal-KNPD hi naturalment il-websajt: www.knpd.org. Din il-websajt tinżamm regolarment aġġornata u hi kompletament aċċessibbli għal kulħadd.

# 13

# L-Edukazzjoni Pubblika

## 1. Attivitajiet Iffinanzjati mill-Programm biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni

Waħda mill-funzjonijiet prinċipali tal-KNPD, hi dik li taħdem biex is-Soċjetà Maltija, permezz ta' edukazzjoni pubblika, ikollha għarfien pożittiv ta' l-issues relatati mal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Din is-sena, din il-funzjoni tal-KNPD ħadet dimensjoni aktar wiesgħa minħabba li matul l-2007, il-Kummissjoni ċċelebrat l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tagħha fl-1987. Ukoll, l-Unjoni Ewropea għażlet is-sena 2007 bħala s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. Għaldaqstant, il-Kummissjoni organizzat numru kbir ta' attivitajiet li uħud minnhom diġà ġew irrappurtati f'taqsimiet relevanti oħra ta' dan ir-rapport. Il-maġġoranza ta' dawn l-attivitajiet qed jiġu rrappurtati f'din it-taqsima minħabba li kellhom għan edukattiv għall-pubbliku. Il-maġġoranza ta' dawn l-attivitajiet ġew iffinanzjati mill-Programm ta' l-Unjoni Ewropea tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni u kienu:

### 1.1 Laqgħa mal-Media

Dawn l-attivitajiet ġew varati permezz ta' attività għal media kollha li kellha l-għan li barra li tagħti pubbliċità lil dawn l-attivitajiet, ħeġġet ukoll lill-membri tal-media biex juru lill-persuni b'diżabilità b'mod pożittiv u jiffukaw l-aktar fuq l-ostakli li s-soċjetà toħloq u li ttellifhom milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja tal-komunità fejn jgħixu. Din l-attività li saret f'Jannar 2007, kienet ukoll indirizzata mill-Onor Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru u l-Onor Dr Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni.

### 1.2 Konferenza Nazzjonali Lura Lejn il-Futur

Attività oħra ta' għarfien u li ġiet organizzata waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità kienet Konferenza Nazzjonali bit-tema **Lura Lejn il-Futur**. L-għan prinċipali ta' din il-konferenza kien li nħarsu lura lejn l-affarijiet pożittivi li ġraw fil-passat l-aktar f'dawn l-aħħar għoxrin sena u nħarsu wkoll 'il quddiem biex naraw x'jeħtieġ isir aktar biex il-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet

indaqs u l-ogħla kwalità ta' ħajja. F'din il-konferenza ġew ippreżentati erba' papers prinċipali dwar l-oqsma ta':

- l-Edukazzjoni mis-Sinj Dorianne Callus
- ix-Xogħol mis-Sinj Mary Rose Attard
- is-Saħħa mis-Sur Gordon Cardona
- il-Ħajja tal-Familja mis-Sinj Louise Grech.

Wara kull paper, il-Ministru responsabbli minn kull settur, jiġifieri l-Onor Dr Louis Galea fir-rigward ta' l-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor Dr Louis Deguara, rigward is-Saħħa u l-Onor Dolores Cristina, rigward il-Ħajja fil-Familja, taw ir-reazzjonijiet tagħhom b'enfasi fuq x'jeħtieġ isir fil-futur. Wara kull paper kien hemm ukoll diskussjoni qasira.

Il-konferenza għalqet billi l-Onor Marie-Louise Coleiro Preca f'isem l-Oppożizzjoni u l-Onor Dr Tonio Borg, Viċi-Prim Ministru, f'isem il-Gvern, taw il-viżjoni tagħhom għal dan il-qasam għas-snin li ġejjin.

Waqt din il-Konferenza wkoll, intwera vidjow qasir tal-ħidma li l-Kummissjoni wettqet matul dawn l-20 sena.

### 1.3 Konferenza dwar Għawdex u l-Persuni b'Diżabilità

Flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, il-KNPD organizzat Konferenza Reġjonali bit-tema **Indaqs: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik** bil-għan li tkun magħrufa b'aktar dettalji x'inhi s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom f'Għawdex, u flimkien nidentifikaw il-miżuri meħtieġa biex insaħħu dak li hu tajjeb u nirranġaw dak li mhux tajjeb jew li ma jeżistix.

F'din il-konferenza saru preżentazzjonijiet dwar l-oqsma prinċipali tal-ħajja u l-persuni b'diżabilità f'Għawdex u kienu jinkludu:

- L-Edukazzjoni minn Chev Frank Gatt;
- Is-Saħħa minn Dr Anthony Livori;
- Ix-Xogħol mis-Sur Marcel Bonnici;
- Is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-Adulti b'Diżabilità mis-Sur John Camilleri;
- L-Aċċessibilità Fiżika mill-Perit Walter Portelli;
- L-Aċċessibilità għall-Informazzjoni mis-Sinj Joanne Sultana;
- Il-Volontarjat mis-sinj Mary Rose Attard;
- Id-Divertiment minn Dr Kevin Cutajar;
- Il-Knisja mill-E.T. Mons Nikol Cauchi.

Wara kien hemm diskussjoni fi gruppi ta' ħidma li tmexxew minn persuni b'diżaiblità jew ġenituri tagħhom. Il-Konferenza ngħalqet mill-Onor Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex.

Id-diskorsi u d-diskussjonijiet ta' din il-Konferenza jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-KNPD.

### 1.4 Parlament tal-Persuni b'Diżabilità

Għal darb'oħra, il-Kummissjoni organizzat il-Parlament tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan ewlieni li l-mexxejja ta' pajjiżna jkollhom għarfien akbar ta' dan is-settur. Din is-sena numru ta' persuni b'diżabilità ġew mistiedna jagħtu kontribut qasir fuq suġġetti ta' l-għażla tagħhom. Il-persuni u s-suġġetti li ħadu sehem fihom kienu s-sinjuri:

- Dimech Saviour, ġenitur li tkellem dwar il-bżonn ta' edukazzjoni post-sekondarja għall-persuni b'diżabilità;

- Callus Dorianne, persuna nieqsa mis-smigħ li ddiskutiet il-bżonn ta' edukazzjoni aċċessibbli u mpjieg tajjeb inkluż il-possibilità ta' promozzjonijiet;
- Anastasi Tessa, ġenitur li tkellmet dwar issues tal-persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali u li għandhom l-ADHD;
- Micallef Michael, persuna nieqsa mid-dawl li emfasizza l-bżonn ta' aċċessibilità għall-użu tal-kompjuters inkluż l-ispeech synthesizer bil-Malti;
- Demartino Mark, ġenitur li tkellem dwar żvilupp akbar tas-servizzi ta' matul il-jum għal adulti b'diżabilità;
- Deguara Marthese, persuna b'nuqqas intellettwali li saħqet dwar ir-rispett li għandu jintwera lejn persuni b'diżabilità;
- Attard Olaf, ġenitur li tkellem dwar il-bżonn ta' finanzjament tas-settur mhux governattiv biex il-vuċi tal-persuni b'diżabilità tinstema';
- Ripard Francis, familjari ta' persuna b'diżabilità, li tkellem dwar l-importanza tar-riċerka u li l-informazzjoni tasal għand kulħadd;
- Sandra Borg, ġenitur li tkellmet dwar id-dritt għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
- Cardona Gordon, persuna b'diżabilità li ddiskuta r-rwol tal-media u l-persuni b'diżabilità.

Kien hemm ukoll interventi mill-membri parlamentari: l-Onor Dr Michael Axiaq, l-Onor Dr Louis Galea, l-Onor George Pullicino u l-Onor Dr Francis Zammit Dimech.

Dan il-Parlament tmexxa mill-Onor Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti u kien konkluż b'diskorsi mill-Onor Marie-Louise Coleiro Preca u l-Ministru Dolores Cristina. Il-Parlament ixxandar dirett fuq TVM u fuq Radju 106.6FM.

### 1.5 Kors u Preżentazzjoni tal-Pakkett Edukattiv Ħoloq

B'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-KNPD organizzat kors ta' tliet nofs ta' nhari lill-għalliema biex tiġi ppreżentata l-verżjoni l-ġdida tal-pakkett edukattiv **Ħoloq** u kif dan il-pakkett jista' jintuża biex studenti bla diżabilità jkollhom għarfien akbar ta' tfal b'diżabilitajiet differenti. Dan il-pakkett jikkonsisti f'lezzjonijiet dwar studenti neqsin mis-smigħ, mid-dawl, li jużaw siġġu tar-roti u li għandhom Down Syndrome, flimkien ma' noti għall-għalliema.

Għal dan il-kors attendew 19-il parteċipant. Il-kors kien segwit minn laqgħa ma' l-għalliema tal-PSD f'Malta u oħra f'Għawdex. Kopji ta' dan il-pakkett edukattiv intbagħtu lill-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex kemm dawk governattivi, tal-Knisja u anke dawk indipendenti. Artiklu dwar dan il-pakkett deher ukoll fit-taqsima edukattiva tal-gazzetta The Times.

### 1.6 Attivitajiet fil-Beraħ Matul is-Sajf

Il-Kummissjoni organizzat żewġ attivitajiet fil-beraħ matul is-sajf, waħda fil-bajja ta' Marsalforn, Għawdex u l-oħra f'Wied il-Għajn, Malta. Dawn l-attivitajiet kienu jikkonsistu fi żfin u kant minn artisti b'diżabilità u bla diżabilità. Intwerew ukoll vidjows qosra b'messaġġi ta' inklużjoni u l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' persuni b'diżabilità flimkien ma' vidjow ta' madwar għaxar minuti dwar il-ħidma tal-Kummissjoni f'dawn l-aħħar 20 sena. Waqt dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni qassmet ukoll materjal pubbliċitarju bħal ma

huma brieret, bajrows, lentijiet, arloġġi u bookmarks bil-logos tal-KNPD, is-sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, tal-Programm Komunitarju biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni u ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni wkoll tellgħet stand minn fejn tqassmet letteratura tal-KNPD.

### 1.7 Laqgħa dwar il-Persuni b'Diżabilità u r-Reliġjonijiet Differenti

Il-Kummissjoni organizzat laqgħa ta' Interfaith biex persuni ta' reliġjonijiet differenti jitolbu u jirriflettu flimkien fuq il-qasam tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. It-tema ta' din il-laqgħa kienet **Unità fid-Diversità** u fiha ħadu sehem disa' mexxejja ta' reliġjonijiet li huma prattikati f'Malta. Dawn kienu:

- il-Komunità Ebrajka rappreżentata mir-Rabbi Herbert Richer;
- il-Komunità Indjana rappreżentata mis-Sur Tikamdas Bharwani;
- il-Komunità Iżlamika rappreżentata mis-Sur Mario Abdurrahman Farrugia-Borg;
- il-Knisja Griega Kattolika rappreżentata minn Mons George Mifsud;
- mill-Knisja Kattolika rappreżentata minn Dun Charles Abela
- il-Knisja Ġermaniża Protestanta rappreżentata minn Pastor Herwig Nolte;
- l-Assemblea Spiritwali tal-Baha'is rappreżentata mis-Sur Emanuel Cassar; u
- mill-Knisja St Andrew's Scots rappreżentata mir-Rev David Morris.

Waqt din l-attività nxtegħlet ukoll xemgħa mill-familja Umanah bħala simbolu tad-dawl li jrid imexxina biex verament kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs. Din iċ-ċerimonja kienet konkluża minn diskors mogħti mill-E.T. Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta.

Waqt din l-attività ndaqqet għall-ewwel darba l-kanzunetta "Flimkien Naslu" jew bl-Ingliż "Together We Can Make It" kantata mis-Sur Charles Borg b'arranġament mużikali tas-Sur Philip Vella u b'akkumpanjament ta' Cher u Sean Vella. Il-mużika hi tas-Sur Joe C Aquilina.

Din l-attività ġiet ukoll irrekordjata u xxandret darbtejn fuq Channel 22.

### 1.8 Tifkira ta' Persuni Mejtin li ħadmu għall-Opportunitajiet Indaqs f'Pajjiżna

Fit-2 ta' Novembru, Jum il-Mejtin, il-Kummissjoni organizzat tifkira tal-persuni mejtin li matul is-snin ħadmu biex pajjiżna jgawdi minn opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni kitbet lil numru ta' entitajiet governattivi u mhux, biex jinnominaw persuni mejta li ħadmu fil-qasam tagħhom għall-opportunitajiet indaqs. Il-persuni li ġew nominati huma dawn is-sinjuri:

Tanya Abela, Andrew Azzopardi, Dennis Azzopardi, Mons Mikiel Azzopardi, Nene Azzopardi, Anthony Borg, Kan. Joe Bugeja, Joe Burlò, Fr Joe Camilleri, Emanuel Carbonaro, Carmen Carbonaro, Fr Charles Caruana, John Cauchi, Joseph Dalli, Wenzu Dalli, Ġużi Demanuele, Vitorin Demanuele, Diane Dingli, Paul Ellul, Dr Renè Eminyan, Josette Galea Curmi, Paul Galea Curmi, l-Imħallef Wallace P. Gulia, Mari Lowell, Victor Lowell, Frank Anthony Mallia, Lady

Margaret Mamo, Ughetta Manfredi Toja, Johnny Micallef, Moyra Mintoff, Mario Muscat, Paul Muscat, Connie Pace, Emanuel Pace, Lewis Portelli, Andrew Pisani, Gregorio Pisani, Mary Ripard, Carmelo Saliba, Carmen Schembri, Divinia Spiteri, Mario Spiteri, Paddy Stubbs, Sonia Tanti, Chev Emmanuel S. Tonna, Maria Tonna, Joseph Vassallo, Alfred Zammit Montebello.

Dawn l-ismijiet tniżżlu fuq bookmark li ġiet ippubblikata bħala tifkira għal din l-okkażjoni.

L-attività kienet tikkonsisti f'quddiesa solenni fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann u li ġiet ikkonċelebrata minn Mons Philip Calleja fl-assenza ta' Mons Arċisqof li kien indispost. L-E.T. Dr E Fenech Adami, President ta' Malta, l-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u l-Onor Dr Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol kienu preżenti għall-quddiesa. Ikkonċelebraw miegħu, il-Kapitlu tal-Kon-Kattidral u qassisin oħra li jaħdmu f'dan is-settur jew qraba ta' persuni li kienu qed jiġu mfakkra. Kien hemm parteċipazzjoni attiva minn diversi persuni, l-aktar qraba ta' persuni li ġew innominati. Il-quddiesa kienet akkumpanjata mill-kor tal-Kon-Kattidral immexxi minn Maestro Dione Buhagiar.

### 1.9 Riċeviment ta' Radd il-Ħajr

Kull sena, waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità, il-Kummissjoni torganizza riċeviment biex tesprimi l-ħajr tagħha għall-ħidma ta' ħafna nies. Uħud minn dawn in-nies joffru l-ħin tagħhom anke b'mod volontarju biex il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom ikollhom kwalità tajba ta' ħajja. Għal din is-sena, l-iskop ta' dan ir-riċeviment twessa' biex nuru l-ħajr lil dawk kollha li ħadmu għal dan il-għan matul l-għoxrin sena li ilha mwaqqfa l-Kummissjoni.

Minħabba s-sinjifikat ta' din is-sena, dan ir-riċeviment sar taħt il-Patroċinju ta' l-Onor Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru u s-Sinjura Catherine Gonzi u sar fil-Berġa ta' Kastilja.

### 1.10 Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità

Kull sena, il-Kummissjoni torganizza l-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan li tiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità li jaħbat kull 3 ta' Diċembru, u hekk tkompli bil-ħdma tagħha biex titqajjem kuxjenza pożittiva lejn dan is-settur.

Is-slogan magħżul għal din il-Ġimgħa kien **Inkomplu l-Ħidma** biex filwaqt li niftakru u nifirħu b'dak li ksibna flimkien biex il-persuni b'diżabilità jkollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli, niftakru wkoll li għad baqa' ħafna xi jsir biex dan l-għan aħħari jintlaħaq. Dan is-slogan kien il-tema prinċipali ta':

- messaġġ li l-Kummissjoni ħarġet lill-media fl-okkażjoni ta' din il-Ġimgħa;
- il-messaġġ Ministerjali li xxandar minn TVM fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità mill-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u s-Sur Joseph Camilleri, Ċermen tal-KNPD;
- il-messaġġ għat-tfal kollha u li ntbagħat lill-iskejjel ta' Malta u Għawdex biex jinqara f'dan il-jum;
- poster li tqassam ma' Malta u Għawdex kollu;

- riklam li sar ma' l-Awtorità tax-Xandir li tqassam lill-istazzjonijiet kollha tat-televiżjoni;
- tliet bill boards.

Barra minn hekk, matul din il-Ġimgħa ġew organizzati numru kbir ta' attivitajiet li ġew irrappurtati f'partijiet oħra ta' dan ir-rapport.

### 1.11 Preżentazzjoni tal-Messaġġ tat-Tfal fl-Iskola Sekondarja San Benedittu

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kummissarju tat-Tfal ħarġet messaġġ għal Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità bit-tema **Inkomplu l-Ħidma**. Dan il-messaġġ twassal personalment lill-istudenti ta' l-Iskola Sekondarja San Benedittu mis-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD u s-Sinj Carmen Zammit, Kummissarju tat-Tfal. Kien hemm ukoll messaġġ mill-Onor Dr Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni. Għal din iċ-ċerimonja simbolika attendew ukoll is-Sinj Marylen Sciortino, Prinċipal tal-Kulleġġ u s-Sinj Micheline Sciberras, Direttur Ġenerali. Mexxa din l-attività s-surmast ta' l-iskola, is-Sur Joseph Micallef.

### 1.12 Skejjel u Organizzazzjonjiet taż-Żgħażagħ

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet toffri lill-iskejjel u organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ l-opportunità li l-membri tagħhom ikollhom laqgħat ma' persuni b'diżabilità nfushom jew ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom. Il-ħidma li saret matul din is-sena f'dan il-qasam hi riflessa f'Tabella 18.

## 2. Il-Manwal: Drittijiet, Mhux Karità

Fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, l-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti allokaw fondi biex isiru attivitajiet ħalli tiġi ċċelebrata din is-sena. Il-Kummissjoni kisbet fondi biex tippubblika l-manwal bit-tema: **Drittijiet, Mhux Karità** li hu serje ta' linji gwida biex il-media tippreżenta dan is-settur b'mod pożittiv u anke jiġu organizzati attivitajiet li verament ikunu inklużżivi għal kulħadd b'riferenza speċjali għall-persuni b'diżabilità. Fl-introduzzjoni hemm ukoll spjega tal-mudell soċjali tad-diżabilità li hu l-mudell li fuqu l-Kummissjoni torganizza l-ħidma kollha tagħha.

Dan il-Manwal ġie ppreżentat waqt attività pubblika li ġiet organizzata flimkien ma' l-Awtorità tax-Xandir. Wara preżentazzjoni tal-kontenut ta' dan il-manwal miċ-Ċermen tal-Kummissjoni, is-Sur Joe Camilleri, panel ta' kelliema taw il-fehmiet tagħhom dwaru. Dan il-panel kien jikkonsisti fis-sur Mario Axiaq mill-Awtorità tax-Xandir, Fr Joe Borg, konsulent dwar il-Media mal-Ministeru tat-Turiżmu, Rev Prof Saviour Chircop, Direttur taċ-ċentru għat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni ta' l-Università ta' Malta u s-Sur Malcolm Naudi, President ta' l-Istitut tal-Ġurnalisti. Id-diskussjoni ngħalqet

**Tabella 18:**
**L-Oqsma tad-Diżabilità - Skejjel u Organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ**

| ENTITÀ | SIEGĦAT | PARTEĊIPANTI |
|---|---|---|
| Skejjel | 108 | 3,491 |
| Organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ | 10 | 265 |
| **Total** | **118** | **3,756** |

b'diskors mill-Onor Clyde Puli, Ċermen tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Malti.

Hu sinjifikattiv ħafna li din l-attività ġiet organizzata fl-10 ta' Diċembru li hu l-Jum Internazzjonali dwar id-Drittijiet Umani.

Dan il-manwal tfassal f'konsultazzjoni sħiħa ma' dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur, tant li saru żewġ laqgħat konsultattivi, waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex. L-Għaqdiet li jaħdmu f'dan is-settur ukoll intalbu jimlew kwestjonarju fuq dan il-manwal. Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-opinjonijiet kollha li hi rċeviet u ħafna minnhom ġew inklużi fil-verżjoni finali ta' dan il-manwal.

Dan il-manwal jista' jinkiseb mingħajr ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni f'dawn il-formati:

- stampat bil-Malti b'tipa kbira
- stampat bl-Ingliż b'tipa kbira
- awdjo bil-Malti fuq cassette jew CD
- Faċli biex Taqra stampata u fuq awdjo
- bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija fuq DVD.

Il-verżjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u Faċli biex Taqra jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-KNPD: www.knpd.org

## 3. Tħawwil ta' Siġar

Il-Kummissjoni stiednet lill-erba' Ministri li kienu jew għadhom responsabbli mill-Kummissjoni biex iħawlu siġra fil-Ġnien Romeo Romano li hu viċin ħafna ta' l-uffiċini tal-KNPD. L-għan ta' din l-attività sempliċi imma sinjifikattiva kien li nuru ħajr lil dawn il-politiċi tal-ħidma tagħhom, kif ukoll biex is-settur tal-persuni b'diżabilità jikkontribwixxi għall-ġid tal-komunità biex ikollna ambjent aħjar. Il-Ministri li ħawlu dawn is-siġar kienu:

- l-Onor Dr Louis Galea, li welled il-Kummissjoni,
- l-Onor Profs Edwin Grech li kompla din il-ħidma,
- l-Onor Dr Lawrence Gonzi, li barra li kien Ministru tal-KNPD kien ukoll l-ewwel Ċermen tagħha, u
- l-Ministru attwali l-Onor Dolores Cristina.

Siġra oħra tħawlet flimkien miċ-Ċermen attwali, is-Sur Joseph Camilleri flimkien mad-Direttur Eżekuttiv, is-Sur Fred Bezzina. Aktar tard il-Kummissjoni ħawlet għoxrin siġra oħra, waħda għal kull sena tagħha.

## 4. Żjara Uffiċjali ta' Mons Arċisqof

Mal-ħatra ta' Mons Pawl Cremona bħala Arċisqof ta' Malta, il-Kummissjoni talbitu jżurha uffiċjalment biex jiltaqa' mal-ħaddiema tas-Segretarjat u mal-membri tal-Kummissjoni. Mons Cremona mill-ewwel aċċetta din l-istedina.

Waqt din iż-żjara, is-sinjuri Marthese Deguara, Charles Borg, Rita u Kevin Vella u Louisa Grech qasmu l-esperjenzi diretti tagħhom ma' Mons Arċisqof b'referenza speċjali għal oqsma spiritwali u reliġjużi. Fi tmien din l-attività, il-Kummissjoni, permezz tas-sinj Angela Aguis, ippreżentat lill-Mons Arċisqof tifkira ta' din iż-żjara li kienet tikkonsisti f'pittura tas-Sur Francis Camilleri, li hu pittur b'diżabilità li jpitter b'ħalqu.

Din iż-żjara ġiet segwita b'laqgħa bejn Mons Arċisqof u delegazzjoni tal-Kummissjoni fejn ġew diskussi punti prattiċi kif iż-żewġ naħat jistgħu jaħdmu flimkien għall-ġid ta' persuni b'diżabilità flimkien ma' issues pendenti li kien hemm bejn iż-żewġ naħat. Din il-ħidma qed tkompli permezz ta' kuntatt kontinwu bjen uffiċjali taż-żewġ naħat.

## 5. Attivitajiet Edukattivi ma' Entitajiet Oħra

### 5.1 Konferenza dwar l-Ugwaljanza u d-Diżabilità: Lejn il-Ġejjieni

Il-KNPD, flimkien mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, bħala parti mill-proġett ta' l-Unjoni Ewropea EQUAL, organizzat seminar bit-tema **L-Ugwaljanza u d-Diżabilità: Lejn il-Ġejjieni** bil-għan prinċipali li niffukaw fuq id-diskriminazzjoni doppja li ħafna drabi nisa b'diżabilità jkollhom jiffaċċjaw minħabba l-inugwaljanza li teżisti bejn is-sessi u minħabba d-diżabilità tagħhom. Dan is-seminar tmexxa mis-Sinjuri Sina Bugeja u Marianne Debono u ġew ippreżentati diversi taħdidiet li kienu jinkludu:

- Il-Ħajja tal-Familja mis-sinjuri Louisa u Philip Grech;
- L-Edukazzjoni għall-Ħajja mis-sur George Vella;
- L-Għajxien Issapportjat mis-sinjuri Rita u Kevin Vella;
- L-Impjieg u l-Indipendenza mis-sinjuri Mariella Beck Venanzi u Joseph Stafrace;
- Is-Self Advocacy u l-Aċċess għall-Informazzjoni mis-sinj Marthese Deguara.

Kien hemm ukoll diskussjoni u interventi minn rappreżentanti ta' diversi entitajiet governattivi u tas-Soċjetà ċivili.

### 5.2 Il-European Employment Forum u l-Persuni b'Diżabilità

Il-European Employment Services (Eures) f'Malta flimkien mal-KNPD organizzaw forum bl-għan li jippromwovu l-mobilità fost il-ħaddiema anke dawk b'diżabilità. Il-forum kellu introduzzjoni mis-sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni fejn ta ħarsa lejn l-aħħar 20 sena ta' ħidma tal-KNPD speċjalment fil-qasam ta' l-impjiegi u s-sur Raphael Scerri, Manager tal-Eures f'Malta li ta spjega tas-servizzi ta' din aġenzija. Tkellem ukoll is-sur Charles Cassar, mit-Taqsima ta' l-Impjieg Issapportjat tal-ETC li spjega kif din il-Korporazzjoni taħdem biex iżżid l-opportunitajiet ta' impjieg lill-persuni b'diżabilità. Il-forum ġie indirizzat ukoll minn employer min-Norveġja u ieħor minn Malta li t-tnejn jimpjegaw persuni b'diżabilità. Ic-Chief Executive ta' l-ETC, Dr Sue Vella, ikkonkludiet il-forum billi emfasizzat l-impenn ta' l-ETC li tkompli taħdem biex jitjiebu l-opportunitajiet ta' taħriġ u impjiegi għall-persuni b'diżabilità.

### 5.3 Attività għall-Opportunitajiet Indaqs għaż-Żgħażagħ

It-Taqsima Żgħażagħ tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni organizzat attività bit-tema **Kulħadd Indaqs, Kulħadd Differenti** biex titfakkar is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. Din it-taqsima ħadmet mal-KNPD biex din l-attività jkollha l-parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ b'diżabilità. Din l-attività kienet tikkonsisti f'Librerija Ħajja li tinkludi persuni minn minoritajiet differenti u li ż-żgħażagħ setgħu jaċċessaw waqt dawra żgħira madwar il-Port il-Kbir. Il-Kummissjoni tat is-sapport neċessarju biex żewġ persuni b'diżabilità, is-sinjuri Gordon Cardona u Mariella Beck, jieħdu sehem f'din l-attività u jservu ta' "ktieb ħaj". Matul din l-attività, iż-żgħażagħ setgħu jagħżlu ktieb uman li jridu u miegħu jew magħha jiddiskutu issues relatati. Il-librerija umana barra ż-żewġ żgħażagħ b'diżabilità kienet tinkludi wkoll persuna omosesswali u persuna tar-reliġjon Musulmana.

14

# Il-Ħidma Internazzjonali

## 1. Il-Ħidma ma' l-Unjoni Ewropea

### Is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd

Is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd ġiet imfakkra ukoll fuq livell Ewropew b'żewġ attivitajiet: waħda biex tfakkar il-ftuħ uffiċjali tagħha u l-oħra l-għeluq. L-ewwel attività saret f'Berlin minħabba li l-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea għal dak il-perjodu kienet il-Ġermanja. Malta kienet rappreżentata għal din iċ-ċerimonja minn delegazzjoni mmexxija mil-Onor Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u li fiha l-Kummissjoni kienet rappreżentata permezz taċ-Ċermen, is-Sur Joseph Camilleri. Din iċ-ċerimonja kienet tinkludi wkoll laqgħa mhux uffiċjali tal-Ministri dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Il-Konferenza ta' l-Għeluq ta' din is-sena ġiet organizzata mill-Presidenza Portugiża ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa Lisbona. Malta kienet rappreżentata wkoll permezz ta' delegazzjoni mmexxija mis-Sur Joseph Ebejer, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Is-Sinjuri Joseph Camilleri, Ċermen u Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni kienu parti minn din id-delegazzjoni.

L-Unjoni Ewropea wkoll qassmet diversi materjal pubbliċitarju bil-logo ta' din is-sena li kien jikkonsisti f'umbrelel, bajrows, gomom, pen drives, T-shirts, u affarijiet simili. Il-Kummissjoni għenet biex jitqassam dan il-materjal pubbliċitarju.

## 2. Grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-Diżabilità

L-Unjoni Ewropea għandha grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-diżabilità mill-pajjiżi membri, bil-għan li l-pajjiżi membri jkunu infurmati b'dak li qed isir f'dan il-qasam fuq il-livell Ewropew kif ukoll biex dawn l-uffiċjali jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom flimkien. Malta hi rappreżentata f'dan il-grupp permezz tal-Kummissjoni. Matul din is-sena dan il-grupp iltaqa' tliet darbiet fi Brussell u Malta kienet rappreżentata mis-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni, f'żewġ laqgħat u mis-Sinj Anne-Marie Callus f'laqgħa oħra. L-issues l-aktar importanti li ddiskuta dan il-Grupp kienu:

- il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Mhux Obbligatorju;
- il-fondi strutturali għas-snin 2007-2013;
- il-mainstreaming fil-metodu miftuħ ta' koordinament fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali;
- is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali mogħtija lill-persuni b'diżabilità;
- il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabilità ta' l-Unjoni għas-snin 2008-2009 bit-tema prinċipali tkun l-aċċessibilità;
- il-Flexicurity;
- l-eżenzjoni għar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat fil-konfront ta' mpjieg ta' persuni b'diżabilità;
- il-Blue Sticker;
- l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fil-konfront ta' mpjieg protett (sheltered employment);
- il-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-trasport;
- il-programm Progress.

## 3. Network Akkademiku ta' Esperti dwar id-Diżabilità

Il-Kummissjoni, permezz taċ-Ċermen tagħha, is-Sur Camilleri, ġiet mistiedna għal-laqgħa li saret bil-għan li jitwaqqaf Netwerk Akkademiku ta' Esperti dwar id-Diżabilità permezz ta' fondi allokati għal dan il-għan mill-Unjoni Ewropea. Din l-inizjattiva tkopri esperti li ġejjin minn pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa ġiet ikkoordinata minn Prof Mark Priestley mis-Centre for Disability Studies ta' l-Università ta' Leeds.

Grupp żgħir ta' akkademiċi u attivisti minn Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, Malta, l-Olanda, ir-Renju Unit u l-Ungerija ħadu sehem f'din il-laqgħa. L-għan prinċipali hu li jitwaqqaf ċentru pan-ewropew għar-riċerka fil-qasam tad-diżabilità. Aspett importanti ħafna ta' dan in-network hu li tingħata vuċi lill-persuni b'diżabilità fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-riċerka li ssir. B'riżultat ta' din il-laqgħa, il-KNPD ġiet mistiedna tidħol bi sħab ma' l-Università ta' Leeds u organizzazzjonijiet oħra mill-Unjoni Ewropea biex issir applikazzjoni għall-fondi biex jitwaqqaf dan in-Network Akkademiku ta' Esperti dwar id-Diżabilità. Il-Kummissjoni aċċettat din l-istedina u din l-applikazzjoni saret mill-Università ta' Leeds bħala l-koordinatriċi ta' dan il-proġett.

## 4. European Disability Forum

Il-Kummissjoni hi membru osservatur tal-European Disability Forum (EDF) li hi l-organizzazzjoni prinċipali fi ħdan l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur. Permezz ta' dan il-forum, il-Kummissjoni żżomm ruħha aġġornata ma' dak li jkun qed jiġri fl-Ewropa f'dan il-qasam.

## 5. Konferenzi Ewropej

Il-Kummissjoni tirċievi diversi stediniet, l-aktar dawk relatati ma' l-Unjoni Ewropea, biex tieħu sehem f'seminars, konferenzi u attivitajiet oħra barra minn Malta. Il-Kummissjoni taċċetta li tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet skond il-mezzi finanzjarji u l-importanza tagħhom għax temmen li hi, il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom għandhom jibqgħu aġġoranti f'dak li qed isir f'dan il-qasam kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Matul din is-sena, il-Kummissjoni ppparteċipat f'dawn iż-żewġ konferenzi:

- Is-sinjuri Mary Rose Attard, John Camilleri u Ann Marie Brincat ipparteċipaw fil-konferenza li ssir mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità fil-bidu ta' Diċembru. Din is-sena t-tema ta' din il-konferenza kienet: **Active Players in the Internal Market**.
- Is-sinjuri Gordon Cardona mill-KNPD, Mary Rose Meli mill-Kooperattiva Outlook, Fiorella Pace mill-RTK u Neville Cardona attendew konferenza dwar il-media u l-persuni b'diżabilità bl-isem: **Hidden Audience: 50 million reasons to think outside the box**.

# Attivitajiet Prinċipali tas-Sena 2007

## Il-Qasam tal-Politika u Leġiżlazzjoni

- F'Marzu Malta ffirmat il-**Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda** dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità flimkien mal-Protokoll Mhux Obbligatorju. Il-KNPD għamlet traduzzjoni tagħhom u ppreżentathom uffiċjalment lill-E.T. Dr E Fenech Adami President ta' Malta u l-Onor D. Cristina, Ministru.
- Lestiet emendi għal-**Liġi Opportunitajiet Indaqs**.
- Lestiet l-abbozz tal-**Liġi dwar il-Guardianship**.
- Għamlet diversi proposti għall-**baġit 2008** li l-maġġoranza tagħhom intlaqgħu.
- Ippreżentat il-proposti tagħha lill-Partiti Politiċi biex jiġu inklużi fil-**programmi elettorali** tagħhom għall-Elezzjoni Ġenerali li jmiss.
- Bdiet il-proċess biex tiġi aġġornata l-**Policy Nazzjonali dwar ix-Xogħol u l-Persuni b'Diżabilità**.

## Il-Qasam Edukattiv u dak tax-Xogħol

- Kompliet tagħti s-sapport fl-implimentazzjoni ta' l-i**Spiteri Report**.
- Ħadmet mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-i**MCAST** biex jerġa jiġi ri-introdott il-programm PATHWAYS.
- Ħadmet biex jitwaqqaf il-kumitat ACCESS fl-**Università** u biex jinħarġu l-linji gwida għall-arranġamenti ta' aċċess għall-eżamijiet.
- Kompliet bil-proġett pilota ma' l-**iskola sekondarja Maria Assunta**.
- Il-Gvern aċċetta proposta tal-Kummissjoni biex iżid l-**inċentivi lil min iħaddem** persuni b'diżabilità.

## L-Aċċess Fiżiku

- Għamlet rapport dwar l-aċċessibilità fiżika f'10 **lukandi**.
- Il-KNPD għaddiet lil Dar il-Kaptan fondi allokati għal **trasport individwalizzat** għall-persuni b'diżabilità.

## Is-Servizzi lill-Persuni b'Diżabilità

Is-servizzi li l-Kummissjoni tat lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom matul din is-sena kienu dawn:

- Il-**Karta ta' l-Identità Speċjali** - 420 klijent, tnaqqis ta'10%.
- Is-**Servizz Għajnuniet Speċjali** - 234 benefiċċjarju, żieda ta' 1%.
- Iċ-**Ċentru tar-Riżorsi** Wenzu Dalli - użawh 235, żieda ta' 5%.
- Korsijiet dwar l-**Oqsma fid-Diżabilità** - attendew 828, tnaqqis ta' 31%.
- Il-programm **PEKTUR** - 3 applikazzjonijiet.

Il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjonijiet lid-dipartimenti rispettivi għal dawn il-benefiċċji:

- L-**Ivvettjar ta' Applikazzjonijiet** għall-iżvilupp lill-Awtorità Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA) - 659 applikazzjoni, tnaqqis ta' 7%.
- **Clearance/Compliance Certificate** (MEPA) - 57 binja, tnaqqis ta' 2% filwaqt li 95% ta' l-applikazzjonijiet li rat kienu aċċessibbli.

- L-**Eżenzjoni mid-Dazju fuq Karozzi** lill-Ministeru tal-Finanzi - 301 benefiċċjarju, żieda ta' 89%.
- L-**Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzji tat-Triq** lid-Dipartiment tal-Liċenzji - 191, żieda ta' 69%.
- Il-**Blue Sticker** lill-Kummissarju tal-Pulizija - 982 applikazzjoni, żieda ta' 21%. Il-KNPD kitbet lil 722 familja ta' persuni li kellhom il-Blue Sticker u mietu. 571 jew 79% irritornaw dan l-isticker.
- Reviżjoni ta' **Deċizjonijiet dwar il-Blue Sticker** - 6 każijiet li l-ebda wieħed minnhom ma ntlaqa'.
- Permessi ta' **Xogħol lill-Assistenti Personali** lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ - 106 applikazzjoni, żieda ta' 194%.
- Reviżjoni ta' **Deċiżjonijiet dwar ir-Reserved Parking** lill-Awtorità dwar it-Trasport - 58 każijiet, żieda ta' 194%. Il-maġġoranza (60%) tal-każijiet ma ntlaqgħux.

Il-Kummissjoni matul din is-sena ma setgħetx tkompli bis-Servizz lill-Persuni b'Imġiba Diffiċli waqt li bdiet tamministra l-eżamijiet mediċi għal Blue Sticker, għall-Eżenzjoni mid-Dazju fuq il-Karozzi u l-Eżenzjoni mill-Ħlas tal-Liċenzja tat-Triq, u l-Bord ta' l-Appelli dwar il-Blue Sticker.

## Attivitajiet ta' Edukazzjoni Pubblika

Is-sena 2007 kienet is-sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd u l-20 anniversarju tal-Kummissjoni. Biex jitfakkru dawn iż-żewġ avvenimenti importanti, il-Kummissjoni organizzat diversi attivitajiet ta' edukazzjoni pubblika li kienu jinkludu:

- **Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità** madwar it-3 ta' Diċembru: il-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità u li kienet tinkludi posters, messaġġi, riklami u numru ta' attivitajiet oħra*.
- **Laqgħa mal-Media** kollha biex tintroduċi s-Sena u toħloq għarfien akbar għal dawn l-issues*.
- Preżentazzjoni tal-Manwal: **Drittijiet, Mhux Karità**, linji gwida li jassigura opportunitajiet għal kulħadd**.
- Konferenza Nazzjonali: **Lura Lejn il-Futur***.
- Konferenza dwar **Għawdex u l-Persuni b'Diżabilità***.
- Konferenza dwar **L-Ugwaljanza u d-Diżabilità: Lejn il-Ġejjieni**.
- Ftuħ uffiċjali taċ-**Ċentru tar-Riżorsi Wenzu Dalli***.
- **Parlament tal-Persuni b'Diżabilità** li xxandar dirett minn PBS*.
- Forum mal-Eures dwar l-**Impjiegi tal-Persuni b'Diżabilità**.
- Kors u preżentazzjoni lill-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex, tal-**Pakkett Edukattiv Ħoloq***.
- **Laqgħat ta' għarfien** f'diversi skejjel li fihom ħadu sehem 3,756 persuna*.
- **Żjara uffiċjali** ta' Mons Arċisqof Pawl Cremona.
- **Attivitajiet kulturali** fil-beraħ fis-sajf, waħda f"Marsalforn Għawdex u l-oħra f'Wied il-Għajn, Malta*.
- Laqgħa dwar il-persuni b'diżabilità u r-**reliġjonijiet differenti***.
- **Tifkira ta' persuni mejtin** li ħadmu għall-Opportunitajiet Indaqs f'pajjiżna
- Preżentazzjoni tal-**messaġġ tat-tfal** fl-Iskola Sekondarja San Benedittu.
- **Tħawwil ta' siġar** mill-erba' Ministri responsabbli mill-Kummissjoni f'dawn l-20 sena.
- **Dawra fuq il-baħar** biex tippromwovi l-Opportunitajiet Indaqs maż-żgħażagħ
- **Riċeviment ta' radd il-ħajr***.

* *Iffinanzjati minn fondi tal-Programm Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni.*

** *Iffinanzjat minn fondi Ewropej allokati għas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd.*

## Pubblikazzjonijiet

Matul din is-sena, il-Kummissjoni ppubblikat dawn il-pubblikazzjonijiet:

- **Il-Manwal: Drittijiet Mhux Karità** - verżjoni bil-Malti b'tipa kbira, bl-Ingliż b'tipa kbira, awdjo, Faċli biex Taqra stampat u fuq awdjo, bil-Lingwa tas-Sinjali fuq DVD*.
- Il-Pakkett Edukattiv **Ħoloq** - verżjoni bil-Malti**.
- **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità** - verżjoni Faċli biex Taqra bil-Malti stampata u awdjo**.
- In-newsletter **INDAQS** ta' Mejju - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo.
- Edizzjoni Speċjali tan-newsletter **INDAQS** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u sommarju Faċli biex Taqra**.
- **Fact sheets dwar Servizzi Oħra tal-Kummissjoni** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u Faċli biex Taqra**.
- Riproduzzjoni tal-ktieb **Access for All - Design Guidelines** - verżjoni bl-Ingliż**.
- Fuljett bil-**Lista ta' Miżuri li saru matul is-snin li jwasslu għall-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilità** - verżjoni bil-Malti Faċli biex Taqra**.
- Ir-Rapport Annwali dwar il-**Liġi Opportunitajiet Indaqs** - Is-Sitt Edizzjoni (2006-2007) - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo.
- **Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni** għas-Sena 2006 - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż u awdjo.

* *Iffinanzjat minn fondi Ewropej allokati għas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd.*

** *Iffinanzjati minn fondi tal-Programm Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni.*

## Il-Qasam tar-Riċerka u t-Taħriġ

- Organizzat il-**Kors Semma' Leħnek** lill-persuni b'diżabilità li kien jinkludi weekend residenzjali.
- Tat is-sapport biex grupp ta' persuni b'nuqqas intellettwali jagħmlu **żjara ta' studju** ma' People First tar-Renju Unit.
- Temmet il-proġett **Aċċess għal Taħriġ Professjoni** li kienet għamlet ma' l-Università ta' De Montfort bil-għan li persuni b'diżabilità jingħataw opportunità li jiħarrġu fil-qasam tas-social work.

## Il-Qasam Internazzjonali

- Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem fil-ħidma tal-**Grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-Diżabilità** ta' l-Unjoni Ewropea.
- Uffiċjali għolja tal-Kummissjoni attendew għaċ-ċeremonji tal-Ftuħ (li saret f'Berlin) u ta' l-Għeluq (li saref f'Lisbona) tas-**Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd**.
- Permezz taċ-Ċermen, is-Sur Camilleri, il-Kummissjoni qed tieħu sehem f'**Network Akkademiku ta' Esperti dwar id-Diżabilità** kkoordinata mis-Centre for Disability Studies ta' l-Università ta' Leeds.

## Attivitajiet Oħra

- Applikat għal fondi mill-Fond Ewropew għall-Iżvillupp Reġjonali biex nibnu **Ċentru għall-Ħajja Indipendenti**.
- Il-KNPD u l-UĦM iffirmaw it-tielet **Ftehim Kollettiv** għall-ħaddiema tas-segretarjat.
- Tat sapport finanzjarju permezz ta' sussidju fil-posta lil 11-il **organizzazzjoni mhux governattivi** li jaħdmu f'dan il-qasam.

# Highlights of Major Activities for 2007

## Policy and Legislation

KNPD:

- following the signing in March, of the **United Nations Convention** (and optional Protocol) on the Rights of Persons with Disability, KNPD translated both documents into Maltese and made a formal presentation to H.E. Dr. E. Fenech Adami, President of Malta and to the Hon. D. Cristina, Minister for the Family and Social Solidarity.
- concluded work on amending Act I of 2000, the **Equal Opportunities (Persons with Disability) Act**.
- prepared draft legislation concerning **Guardianship**.
- put forward a variety of proposals for inclusion in the **2008 National Budget**, most of which were adopted.
- presented its proposals to all political parties for inclusion in the **electoral programmes** they would be drawing up in preparation for the forthcoming Maltese General Election.
- initiated the process for updating its **National Policy on Employment and Persons with Disability**.

## Education and Employment

KNPD:

- maintained its support for the implimentation of the **Spiteri Report**.
- collaborated with the Ministry of Education and **MCAST** in order to ensure the re-introduction of MCAST's PATHWAY programme.
- worked closely with the University of Malta towards the setting up of the **ACCESS: Disability Support Committee** at the university and also for the drafting of the University of Malta's key document: The University of Malta and Students with Disability (a document which includes examination arrangements for disabled students).
- kept up its involvement in int **Maria Assunta Secondary School** pilot project.
- noted that government had accepted its proposal to **increase incentives to employers** who employ persons with disability.

## Physical Access

KNPD:

- prepared an accessibility audit on 10 **local hotels**.
- transferred funds allocated to providing an **individualised transport service** for persons with disability to the Foundation for Respite Services (Dar il-Kaptan).

## Services for Persons with Disability

The following are the various services which KNPD provided for disabled persons and their families during 2007:

- the **Special Identity Card** – a total of 420 clients, a reduction of 10% from last year.
- the **Assistive Apparatus Fund** - 234 beneficiaries, an increase of 1% from 2006.
- the **Wenzu Dalli Resource Centre** – 235 clients, an increase of 5% from last year.

- **Disability Issues courses** - 828 participants, a decrease of 31% from 2006.
- The **PEKTUR** programme - 3 applicants.

KNPD made recommendations to various departments in connection with the following benefits:

- **Access for All vetting** regarding development applications made with the Malta Environment and Planning Authority (MEPA) - 659 applications, a decrease of 7% over last year.
- **Clearance/Compliance Certifikcate** (MEPA) - 57 buildings, a reduction of 2% on 2006. 95% of all applications vetted were accessible.
- **Exemption from import duty on modified vehicles** on behalf of the Ministry of Finance - 301 beneficiares, an increase of 89% on last year.
- **Exemption from payment of Road Tax**, on behalf of the Licensing Department – 191 exemptions, an increase of 69% on 2007.
- The **Blue Badge** (known locally as the Blue Sticker), on behalf of the Commissioner of Police - 982 applications, an increase of 21%. KNPD wrote to 722 families of disabled Blue Badge holders who died. 571, or 79% returned the Blue Badge.
- **Blue Badge Appeals Board** - 6 appeals were lodged, none of which were upheld.
- **Personal Assistants' Work Permits**, on behalf of the Employment Training Corporation - 106 applications, an increase of 194% on last year.
- **Reserved Parking Review Board**, on behalf of the Malta Transport Authority - 58 requests for review, an increase of 194%. The majority of requests for review (60%) were not upheld.

During 2007, while KNPD could not sustain its service for persons with challenging behaviour, on the other hand it began carrying out professional assesments for the following services: the Blue Badge and the Blue Badge Appeals Board, Exemption from Import Duty on Modified Vehicles and the Exemption from Payment of Road Tax.

## Public Awareness Activities

2007 was designated the European Year of Equal Opportunities for All, it also marked KNPD's 20th anniversary. In order to commemorate these important occasions KNPD organised a number of different public awareness activities, which included:

- **Disability Week**, occuring around the 3rd December (the International Day of Persons with Disability) which included posters, public announcements, adverts and a number of other activities*.
- **A meeting for all representatives of the local media** aimed at launching the Year and to create a greater awareness about disability issues*.
- The presentation of a manual entitled: **Rights, Not Charity**, consisting of guidelines aimed at assuring equal opportunities for all**.
- A national conference with the theme: **Back to the Future***.
- A conference focusing on the needs and aspirations of **persons with disability in Gozo***.
- A conference on: **Equality and Disability - Future Concerns**.
- The official opening of the **Wenzu Dalli Resource Centre***.
- The **Disabled People's Parliament** the proceedings of which were broadcast live on national television by PBS Ltd*.
- A EURES Forum, organised together with ETC, focusing on **Employment and Persons with Disability**.

- A course and presentation to all schools in Malta and Gozo about KNPD's education pack: **Ħoloq*** .
- **Awareness activities** held in various schools which involved 3,756 pupils*.
- **An official visit** to KNPD by His Grace the Archbishop Mgr. Paul Cremona.
- Open air **cultural activities** organised in summer, one held in Marsalforn Gozo and the other one in Marsascala, Malta*.
- An **interfaith meeting** focusing on persons with disability and spirituality*.
- A **rememberance service** held in honour of deceased activists who worked to ensure equal opportunities for all, especially persons with disability in Malta and Gozo*.
- The presentation of a **Message for Maltese Schoolchildren** to pupils attending St. Benedict School in Kirkop.
- A **tree planting ceremony** by the four cabinet ministers who were responsible for KNPD in the last 20 years.
- **A sea tour** aimed at promoting equal opportunities for all among young people.
- **A Thanksgiving Reception***.

* *Financed through the European Union's Community Programme to Combat Discrimination.*

** *Financed through EU funds dedicated to the European Year of Equal Opportunities.*

## Publications

During 2007, KNPD issued the following publications:

- **Rights Not Charity** Manual – versions perepared in Maltese and English, in large print in both Maltese and English, in audio, electronic and easy-to-read formats and in Maltese Sign Language (on DVD)*.
- The educational pack **Ħoloq** - in Maltese**.
- **Services and Benefits for Persons with Disability** – produced in Maltese and in audio and easy-to-read versions**.
- The May edition of KNPD's offical newsletter **INDAQS** (equal) – produced in Maltese and English and also in audio format.
- A special anniversary edition of the newsletter **INDAQS** – produced in Maltese, English, in audio and an abridged version in easy-to-read format**.
- **Fact sheets** about various KNPD services - produced in Maltese, English and in audio and easy-to-read versions**.
- A reprint of the booklet **Access for All - Design Guidelines** – produced in English**.
- A leaflet listing the **milestone measures** taken over the years to ensure equal opportunities for persons with disability – produced in an easy-to-read Maltese version**.
- The 6th Edition of KNPD's **Equal Opportunities Compliance Unit's Annual Report** (2006-2007) – produced in Maltese, English and on audio.
- **KNPD's Annual Report** (2006) - produced in Maltese, English and on audio.

* *Financed through EU funds dedicated to the European Year of Equal of Opportunities for All.*

** *Financed through the European Union's Community Programme to Combat Discrimination.*

## Research and Training

- A course for disability activists entitled: **Speak Out!** which included a residential weekend component.
- Financial support given to a group of persons with intellectual impairment making it possible for them to visit **People First (UK)**.
- The **Access to Professional Training** project was concluded. This project was carried in collaboration with the De Monfort University (UK)**.** The course aimed at giving disabled people some exposure to higher education, particularly in the social work field.

## International Endeavours

- KNPD maintained its representation on the European Union's **High Level Group** on Persons with Disability.
- Senior officials from KNPD attended the opening (in Berlin) and closing (in Lisbon) ceremonies of the **European Union's Year of Equal Opportunities for All**.
- Through the participation of KNPD Chairman, Joe Camilleri, Malta was included in the preparations for the setting up of an **Academic Network of Experts on Disability**, an initiative spearheaded by the University of Leeds' Centre for Disability Studies.

## Other Activities

KNPD

- Applied for EU Regional Funds in order to develop a **Centre for Independent Living in Malta**.
- Together with the local trade union, UHM, a third **Collective Agreement** covering KNPD secretariat employees was concluded and signed.
- Provided financial support by subsidising the postage expenses of 11 **local NGOs** working in the disability secretary.

# Appendiċi

## Statistika mir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità

**Tabella 19: Statistika skond l-Età u s-Sess**

| | | | | % | % | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ETÀ** | **NISA** | **IRĠIEL** | **TOTAL** | **2007** | **2006** | **DIFFERENZA** |
| 0-4 | 32 | 56 | 88 | 0.86 | 0.98 | -0.12 |
| 5-9 | 90 | 156 | 246 | 2.39 | 2.55 | -0.16 |
| 10-14 | 144 | 209 | 353 | 3.43 | 3.43 | 0.00 |
| 15-19 | 136 | 199 | 335 | 3.26 | 3.36 | -0.10 |
| 20-24 | 140 | 205 | 345 | 3.35 | 3.68 | -0.33 |
| 25-29 | 174 | 249 | 423 | 4.11 | 4.17 | -0.06 |
| 30-34 | 158 | 236 | 394 | 3.83 | 3.85 | -0.02 |
| 35-39 | 175 | 216 | 391 | 3.80 | 3.77 | 0.03 |
| 40-44 | 171 | 225 | 396 | 3.85 | 4.14 | -0.29 |
| 45-49 | 246 | 345 | 591 | 5.74 | 6.03 | -0.29 |
| 50-54 | 247 | 396 | 643 | 6.25 | 6.35 | -0.10 |
| 55-59 | 350 | 452 | 802 | 7.79 | 7.74 | 0.05 |
| 60-64 | 338 | 505 | 843 | 8.19 | 7.44 | 0.75 |
| 65-69 | 321 | 452 | 773 | 7.51 | 7.53 | -0.02 |
| 70-74 | 441 | 427 | 868 | 8.43 | 8.39 | 0.04 |
| 75-79 | 498 | 415 | 913 | 8.87 | 8.79 | 0.08 |
| 80-84 | 490 | 391 | 881 | 8.56 | 10.05 | -1.49 |
| 85 + | 555 | 393 | 948 | 9.21 | 7.17 | 2.04 |
| Mhux Magħruf | | | 58 | 0.56 | 0.57 | -0.01 |
| **Total** | **4706** | **5527** | **10291** | | | |

**Grafika 1: Statistika skond l-Età**




**Tabella 20: Statistika skond l-Età matul is-Snin**

| | 0-16 | | 17-59 | | 60+ | | MHUX MAGĦRUF | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SENA | NRU. | % | NRU. | % | NRU. | % | NRU. | % | |
| 1994 | 815 | 24.5 | 1839 | 55.2 | 651 | 19.5 | 25 | 0.7 | 3330 |
| 1999 | 1089 | 17.2 | 2961 | 46.7 | 2286 | 36.1 | 4 | - | 6340 |
| 2003 | 1260 | 16.6 | 3388 | 44.5 | 2962 | 38.9 | 0 | - | 7610 |
| 2005 | 764 | 8.4 | 3854 | 42.5 | 4388 | 48.4 | 57 | 0.6 | 9063 |
| 2006 | 807 | 8.4 | 4030 | 41.7 | 4771 | 49.4 | 55 | 0.6 | 9663 |
| 2007 | 819 | 8.0 | 4188 | 40.7 | 5227 | 50.8 | 57 | 0.6 | 10291 |

**Grafika 2: Statistika skond l-Età matul is-Snin**



**Tabella 21: Statistika skond in-Nuqqas**

| | TOTALI | | | | % | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2007 | 2006 | 2005 | 2003 | 2007 | 2006 | 2005 | 2003 |
| Fiżiku | 6556 | 5953 | 5338 | 3819 | 63.71 | 61.61 | 58.98 | 50.18 |
| Intellettwali | 2052 | 1964 | 1895 | 1314 | 19.94 | 20.32 | 20.91 | 17.27 |
| Psikoloġiku | 1054 | 946 | 849 | 493 | 10.24 | 9.79 | 9.37 | 6.48 |
| Vista | 1159 | 1129 | 1127 | 757 | 11.26 | 11.68 | 12.44 | 9.95 |
| Smigħ | 1062 | 1025 | 986 | 636 | 10.32 | 10.61 | 10.88 | 8.36 |
| Aktar minn wieħed | 2022 | 1881 | 1767 | 1166 | 19.65 | 19.47 | 19.5 | 15.32 |
| Mhux Magħruf | 1279 | 1383 | 1484 | 2025 | 12.43 | 14.31 | 16.37 | 26.61 |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed.*

**Grafika 3: Statistika skond in-Nuqqas**



**Tabella 22: Statistika skond in-Nuqqas u l-Età (kull ħames snin)**

| ETÀ | FIŻIKA | % | PSIKOLOĠIKA | % | INTELLETWALI | % | SMIGĦ | % | VISTA | % | AKTAR MINN WIEĦED | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-4 | 41 | 0.63 | 21 | 2.01 | 57 | 2.79 | 7 | 0.66 | 3 | 0.26 | 41 | 2.03 |
| 5-9 | 96 | 1.47 | 47 | 4.49 | 120 | 5.87 | 27 | 2.56 | 17 | 1.47 | 64 | 3.17 |
| 10-14 | 135 | 2.06 | 63 | 6.02 | 182 | 8.91 | 38 | 3.60 | 29 | 2.52 | 94 | 4.66 |
| 15-19 | 150 | 2.29 | 65 | 6.21 | 161 | 7.88 | 39 | 3.69 | 24 | 2.08 | 90 | 4.46 |
| 20-24 | 147 | 2.24 | 45 | 4.30 | 158 | 7.73 | 47 | 4.45 | 32 | 2.78 | 82 | 4.07 |
| 25-29 | 177 | 2.70 | 55 | 5.25 | 168 | 8.22 | 46 | 4.36 | 41 | 3.56 | 83 | 4.12 |
| 30-34 | 174 | 2.66 | 58 | 5.54 | 151 | 7.39 | 39 | 3.69 | 45 | 3.90 | 84 | 4.17 |
| 35-39 | 192 | 2.93 | 48 | 4.58 | 139 | 6.80 | 37 | 3.50 | 37 | 3.21 | 72 | 3.57 |
| 40-44 | 210 | 3.21 | 57 | 5.44 | 106 | 5.19 | 39 | 3.69 | 38 | 3.30 | 84 | 4.17 |
| 45-49 | 334 | 5.10 | 73 | 6.97 | 139 | 6.80 | 58 | 5.49 | 64 | 5.55 | 110 | 5.46 |
| 50-54 | 393 | 6.00 | 89 | 8.50 | 106 | 5.19 | 54 | 5.11 | 70 | 6.07 | 111 | 5.51 |
| 55-59 | 559 | 8.53 | 102 | 9.74 | 136 | 6.66 | 66 | 6.25 | 82 | 7.11 | 152 | 7.54 |
| 60-64 | 621 | 9.48 | 69 | 6.59 | 89 | 4.36 | 66 | 6.25 | 106 | 9.19 | 131 | 6.50 |
| 65-69 | 600 | 9.16 | 45 | 4.30 | 55 | 2.69 | 45 | 4.26 | 74 | 6.42 | 90 | 4.46 |
| 70-74 | 684 | 10.44 | 48 | 4.58 | 71 | 3.48 | 82 | 7.77 | 88 | 7.63 | 134 | 6.65 |
| 75-79 | 736 | 11.24 | 49 | 4.68 | 56 | 2.74 | 84 | 7.95 | 111 | 9.63 | 161 | 7.99 |
| 80-84 | 686 | 10.47 | 44 | 4.20 | 66 | 3.23 | 123 | 11.65 | 129 | 11.19 | 187 | 9.28 |
| 85 + | 615 | 9.39 | 69 | 6.59 | 83 | 4.06 | 159 | 15.06 | 163 | 14.14 | 246 | 12.20 |
| **Total** | **6550** | **100** | **1047** | **100** | **2043** | **100** | **1056** | **100** | **1153** | **100** | **2016** | **100** |

*Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed*

**Tabella 23: Statistika skond in-Nuqqas u l-Età (Tfal, kbar u anzjani)**

| ETÀ | FIŻIKA | % | PSIKOLOĠIKA | % | INTELLETWALI | % | SMIGĦ | % | VISTA | % | AKTAR MINN WIEĦED | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0-16 | 326 | 4.98 | 152 | 14.52 | 417 | 20.41 | 90 | 8.52 | 53 | 4.60 | 229 | 11.36 |
| 17-59 | 2282 | 34.84 | 571 | 54.54 | 1206 | 59.03 | 407 | 38.54 | 429 | 37.21 | 838 | 41.57 |
| 60+ | 3942 | 60.18 | 324 | 30.95 | 420 | 20.56 | 559 | 52.94 | 671 | 58.20 | 949 | 47.07 |
| **Total** | **6550** | **100** | **1047** | **100** | **2043** | **100** | **1056** | **100** | **1153** | **100** | **2016** | **100** |

**Grafika 4**




**Tabella 24: Prevalenza tad-Diżabilità mqabbla mal-Popolazzjoni**

| SENA | PREVALENZA |
|---|---|
| 1994 | 0.9 |
| 1999 | 1.6 |
| 2003 | 1.9 |
| 2005 | 2.3 |
| 2006 | 2.4 |
| 2007 | 2.5 |

**Tabella 21: Statistika skond il-Lokalità**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 184 | Lija | 63 | San Ġiljan | 224 |
| Balzan | 123 | Luqa | 122 | San Ġwann | 242 |
| Birgu | 93 | Marsa | 226 | San Lawrenz | 18 |
| Birkirkara | 571 | Marsascala | 184 | San Pawl il-Baħar | 324 |
| Birżebbuġa | 192 | Marsaxlokk | 68 | Sannat | 39 |
| Bormla | 186 | Mdina | 11 | Siġġiewi | 252 |
| Dingli | 57 | Mellieħa | 187 | Sliema | 508 |
| Fgura | 272 | Mġarr | 62 | Sta Luċija | 86 |
| Floriana | 101 | Mosta | 383 | Sta Venera | 208 |
| Fontana | 26 | Mqabba | 44 | Swieqi | 122 |
| Għajnsielem | 56 | Msida | 175 | Ta' Xbiex | 46 |
| Għarb | 37 | Mtarfa | 49 | Tarxien | 206 |
| Għargħur | 42 | Munxar | 20 | Valletta | 249 |
| Għasri | 11 | Nadur | 98 | Victoria (Għawdex) | 167 |
| Għaxaq | 80 | Naxxar | 220 | Xagħra | 77 |
| Gudja | 48 | Paola | 294 | Xewkija | 70 |
| Gżira | 194 | Pembroke | 49 | Xgħajra | 2 |
| Ħamrun | 373 | Pietà | 117 | Żabbar | 337 |
| Iklin | 34 | Qala | 44 | Żebbuġ | 244 |
| Isla | 82 | Qormi | 467 | Żebbuġ (Għawdex) | 44 |
| Kalkara | 60 | Qrendi | 63 | Żejtun | 307 |
| Kerċem | 31 | Rabat | 419 | Żurrieq | 194 |
| Kirkop | 47 | Safi | 39 | | |